Cotba tal Moghdija taz-Zmien

Nru. 103

# MIN CHIEN AHMED

ĠRAJJA GHAUDXIJA

TA

IS-SUDDIACNU GIUS: FARRUGIA

JIMBIEH TLET SOLDI

MALTA

Stamperia tal MALTA, 16, Str. Zecca, il Belt.

1910.

AC
95
.M35
M6

*Proprietà Letteraria*

ta'

ALF. M. GALEA.

L'IT-TUAJJEB

MEXXEJ

LI JIMXI, JIG'RI, ITIR MINGHAJR URAJH MA IHARES

LIL GHAREF DAHCANI

LI IGHALLIMNA LI COLLOX IGHADDI

BARRA ALLA U IR-RUH

LIL HABIB TAL KALB

LI JIDHAC B'ID-DUEJJAK U IFARRAG'

BIL HSIEB "LI COLLOX IGHADDI U IMUR".

# L'IŻ-ŻMIEN

DAN IL CTIEB MINNI MAHDUM BIH

GHALL MOGHDIJA TIEGHU

B'TIFCHIRA TA MISSERIJIETNA LI GHADDEU

JECC JOGHG'BU

JILKA.

SUDD. G. FARRUGIA.

*Fuk Għaudex, barra minn dan, għandna sa issa daun il Cotba :*

Nru. 65. **Bint il Hâchem** (*ta Mons. L. Can. Vella*)

„ 69. **Nicol Ghabdul** (*ta Mons. L. Can. Vella*)

„ 70. **Nicol Ghabdul**—It-Tieni Taksima.

„ 74. **Maria Platamun** (*Ch. G. Farrugia Gioioso*)

---

*Għaudex,* daun il "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien", jimbiegħu fil Curia tal Iskof.

## I.

## Zeug't ihbieb.

Cmieni, f'għodua ta 's-sèna 1544, tnejn minn nies, uara li daru il plajja ta Għaudex, chienu tilgħin minn naħa ta 'd-Duejra, iħarsu coltant u tant lejn xefak il baħar b'ħârsa ta bìża u suied il kalb. Il ħsieb li chien jifnihom dac il ħîn, ħsieb tasseu li iddejjak, chien jidher ċar minn dauc id-dakkjiet ta għajn ħusbiena; u it-tkankil li chienu iħossu, chien biżżejjed biex jixhed x'chien għaddej minn għala moħħhom.

Daun it-tnejn, uara li mxeu biċċa seuua m'it-triek mingħajr ma kalu chelma, Xmuni, uieħed minnhom, li moħħu dejjem iħabbat fuk l'għedeuua, dar lejn sieħbu xejn ankas minnu mchebbes bl'imħabba għall art tuelidu, u:

"Uenz," kallu, uara tnehida maħruġa minn kiegħ kalbu, "Uenz, jeħtigilna li aħna nispiċċauha darba għall dejjem ma daun il misħuta Toroc. Mîn jissaporti f'dan it-taktik ta kalb iżjed? Malta u it-Turchija, ma jistgħux jokogħdu flimchien, ġaladarba ma jistgħux jiftiehmu, u għalhecc, jeu il Malti jeu it-Torc għandu bil fors jigi mekrud għall collox. Lilna, Uenz, tigina chif tigina, dejjem seuua u dejjem minn fuk, għaliex jecc nirbħu, ncunu irbaħna l'icbar għâdu tagħna u

tal Europa collha ; u jecc dan jiġri lil gżejjer tagħna, jakilgħu l'isbaħ tifħir u jibkgħu jissemmeu mill ġnus collha għall ħila tagħhom ; jecc nibkgħu tellefin, ncunu mitna għall pajjiżna uakt illi ncunu martri ta 'r-Religion nisranija ; u x'hemm isbaħ minn dan li uieħed imut martri ta Cristu Sîdna u ta pajjiżu ? Oh, għax ma chien jasal dan il jum ! "

" Tixtiek tmut martri ? " kallu l'ieħor.

" U chemm ! Alla biss jâf hix kauuija fija din ix-xeuka ! Nixtiek inċarċar demmi sal inkas kàtra, basta ma narax l'għedeuua tagħna u ta Geżù jaħcmu daun il gżejjer."

" Sabieħa hi xeuktec u ta mîn igħir għall imħabba li għandec għall Geżù u għall Għaudex; imma, taħseb int li sa iseħħ ? "

" Isseħħ naħseb u ma iddumx."

" U tgħid !... Dan minn fejn tafu ? "

" Minn fejn nafu ? Jakau int ma tarax chemm ta sicuit kegħdin jiersku l'haun ! Ma tarax il ħruxija li biha ħaduha magħna ! Taħseb jeuuilla li sa iħalluna bi cuietna ? "

" Oh, le, din katt ma daħħaltha f'moħħi; uisk nibża, li għâd nispiċċauha ħażin magħhom. Iżda, għall fejn naktgħu jiesna ? Fejn aħna ma naslux b'ħîltna, hemm l'għajnuna tal Madonna."

" Ah, mela gejj miegħi li bi cuietna ma iħalluniex ; anzi, bħalma tara inti, ninsabu dejjem maħcumin mill bìża għax nistenneuhom ta sicuit jinżlu fukna u jagħmlulna xi uaħda minn tagħhom. Iżda, Uenz, x'għandec, ked narac tirtogħod minn fuk s'isfel u sfart bħal lelluxa għall daun l'aħħar cliem tiegħi ; xi ġralec ? "

" Xejn, xejn. Illum ma tantx nħossni fiha."

Billi Xmuni ma chienx ta sebgħu f'ħalku, ntebaħ minnufih għaliex din il bìdla collha f'Uenzu, għalhecc malajr rèġa kabad igħid :

" Il-jiesna ma naktgħuh katt, Uenz, għax bħalma għidtlec ftit ìlu, il meut għalina tcun ħajja."

" Iva, imma, għalina rgiel biss!" uieġbu b'leħen micsur Uenzu.

" Għala ?" ħatfu l'ieħor.

" Ngħadrec; ħabib, int għadec ma tafx x'jigifieri mart u ulied. Imsejcnin in-nisa tagħna u uliedna jecc nitilfu aħna! Daun sgur itemmu ħajjithom fil jasar ta dauc il chiefra, u fost l'icbar tbatija u tiġrib."

" Imutu martri ucoll... icollhom l'isbaħ xorti."

" Martri, martri... Imma, mîn jâf x'għâd igħaddi minn għalihom? Dauc m'humiex bħalna ma nibżgħu minn xejn! Huma minnhom nfushom beżżiegħa; ma jafux dejjem chif iħârsu tajjeb ir-ruieħhom mill killa ta mîn icun jaħkarhom. Oh, li chiecu katt ma jasal dan il jum!" spiċċa b'id-dmugħ f'għainejh.

" Mela, jecc jiġu dauc il misħuta, tibka ma tissarax biex neħilsu minnhom ?"

" Nissara, iva, bħalma issarajt dejjem f'coll takbida li chelna magħhom. Dac chien żmien għalija! Cont għâdni għażeb bħalec, l'ebda ħsieb ta xejn, moħħi biss iħabbat fuk it-Toroc. Ma contx nara is-siegħa li jiġu u li neħodha magħhom nvenven ix-xabla f'nofshom. Illum, imma, għalchemm għâdni li cont, b'dic l'imħabba għall pajjiżi bħal kabel, nħossni nitriegħed x'ħin niftacar fil migja tagħhom; illum, ħabib, uaħdi m'inhiex, għandi it-tfixchil ta ħsieb ħaddieħor!"

" U fukiex tħabbat moħħoc għall martec u ibnec ?"

" Uisk nibża li jieħduhomli lsiera."

" Mela, chemm ktajt kalbec li ser nitilfu ?"

" Le, m'hux ktajt kalbi; iżda, nista nobsor x'nistgħu nagħmlu aħna kuddiem cotra bħal dic li semmieli Paulu ta Għajn Għabdul. Dan kalli ftit ġranet ilu li actarx Barbarossa, Sinan, Dragut u oħrajn, jiftiehmu bejniethom u jaħbtu għalina. Għidli int issa ftit, ħejj, chif irridu neħduha magħhom għalchemm ta ħîla u għakal cbir, dauc il ħafna ilpup imgeuuħa għall isem nisrani u malti ? Għidli x'nagħmlu aħna l'erba' minn nies ma còtra bħal dic ?"

" M'hux dejjem," ħasdu l'ieħor, " m'hux dejjem il còtra tagħleb il bocra, minn xi dakkjiet l'għakal jirbaħ il kauua ; u għalhecc, għalchemm aħna ftit u ftit uisk għall mal għedeuua tagħna, iżda ħîla u għakal għandna biżżejjed, għax mîn kiegħed imexxina hu għaref u jâf seuua għalfejn u għal mîn nitħâbtu u nċarċru demmna. U mbagħd, jecc fl'aħħar mill aħħar għandec xi bìża li ser immorru minn taħt u jieħdulec lsiera lil martec u l'ibnec, tista tkegħedhom bla telf ta żmien xejn x'imchien tajjeb fejn ħadd ma jista għalihom ! "

" U fejn tridni immur bihom int, u ma isibuhom ?" staksa bil ħerka tal euuel.

" Għandna tant fejn tista tkegħedhom..."

" U intant fejn ?"

" Tista iggibhom u taħbihom haun... f'daun l'għerjien ta kuddiemna."

Haun Xmuni ħares lejn dac il blât għoli li hemm jinsâb u urieh l'għerjien li chien isemmilu.

Daun l'għerjien, illum imsejjħin il "Mistoħbija ta 't-Toroc," jinsabu f'Uied il Cbir u f'Uied Ħorof, uisk

tajjba biex jinħbeu fihom, għaliex billi fil għoli mill art u jidħlu il geuua, katt ma chien jaħbat f'moħħ it-Toroc, bħalma illum ma tantx jaħbat f'mîn jarahom, li fihom jinħbeu in-nies.

Uenzu, mela, chif samagħ cliem Xmuni, uieġbu :

" M'hux lachemm iggibhom haun mill Castell uakt li ħaddieħor icun jissielet mal għedeuua ! "

L'imsejchen ħass ruħu bejn in-nâr u l'ilma. Ried il kalbieni li jiġġarrab għall pajjiżu u ried chiecu ucoll jieħles ħajjiet martu u ibnu.

Ix-xemx chienet tielgħa ġmielha tferrex id-dija tagħha fuk l'art collha, u frattant Xmuni u Uenzu chienu għadhom chemm ħalleu urajhom Għajn Għabdul u sejjrin jicsru il-liuja tal għolja ta Għar-Ilma, x'ħin Xmuni lemaħ il Castell, u itîr bil ferħ, kabad igħid :

" Oh, xi ġmiel ta Castell ! X'kauua ta suar ! Cont chiecu ngħid li ebda għàdu ma għandu il ħîla iuakka dauc il ħitan li chienu mrauumin chif imiss ! "

Uenzu ma uiegebx għall daun il cliem ta sieħbu ; dar lejh, u :

" Nħaffu," kallu, " għax il ħîn dieħel."

Xprunau iż-żuiemel, u f'kasir żmien uaslu il Castell.

---

## II.

## Xmuni u Uenzu.

Il Cavaljeri ta San Ġuann, chienu ilhom mal erbatax il sèna isaltnu fuk il gżejjer tagħna, u Malta u Għaudex bdeu gejjin il kuddiem ġmielhom. Nfetħu xogħlijiet ġodda u l'għażżjen tàjjar iċ-ċlampu; il kauua żdiedet u 'l ħîla chibret ; il gìri ta 'x-xuieni iggedded

u in-nies tħarrget fuk il baħar. Għalhecc, cummerċ, gîd u għana addoċċ, għax issa il Maltin u l'Għadxin sabu ruieħhom taħt Gvern li jiflaħ fuk l'art u 'l baħar, li hu mkabbad ma colħadd u li għandu x'jaksam ma id-dinja collha; reġgħu stembħu dauc il Fenici ta 1400 sèna kàbel Cristu. Nisel ta daun li chienu mill akua ta żmienhom, taħt il ħacma tal Cavaljeri reġgħet dehret fihom dic ir-rimja li uirtu minnhom. Għalhecc erħilhom iħejju ġfien u xuieni, ibaħħru ma 'x-xtût collha u icarcru l'haun kmuħ u imbejjet, bastimenti u ilsiera. Chien fihom tasseu għaxka!

Xmuni, dac il ġuvni fizzjal li rajnih tiela m'id-Duejra ma ħabibu Uenzu, fizzjal bħalu, chien għâdu ta ftit snîn meta giè l'Ordni f'daun il gżejjer.

Missieru, għalchemm ibnu għâdu tarbija, għaraf x'jista għâd jisuielu l'Għaudex iċ-ċchejchen Xmuni tiegħu u għalhecc mal ħalib t'ommu ried ireddgħu ħalib ieħor, jigifieri l'imħabba lejn pajjiżu. Din l'imħabba mrobbiha f'kalb li imnissla minn misserijiet li ħalleu ħajjithom għall gżira tagħhom, malajr urjet li giet mitfugħa f'art tajjba li iżżomm fiha dejjem ħajj dac li fiha inżàra, u missieru chif rà li dac li żàra nibet seuua u rabba ix-xniexel, bagħat l'iż-żgħir Xmuni għand uieħed ħabib tiegħu f'Malta biex igħallmu is-sengħa tal Milizzja.

Xmuni li sa mill euuel ħass ruħu miġbud għall dan il-lant, f'kasir żmien kàbad dac collu li chien għallmu il ħabib ta missieru, u tant, uara xi snîn, chien sâr jinkàla f'it-taħriġ tal armi, li ġurnata uaħda, uakt li għand is-surmast tiegħu chien hemm il Cavaljer Ġanni La Vallette, ħabib ta missieru għall aħħar, u għamillu xi mistoksijiet fuk chif għandu igib ruħu f'din u f'dic

il bicċa u Xmuni uieġbu hecc tajjeb li stħajjlu chien îlu imdorri jissara minn żmien tuil, kallu :

" Li chiecu is-suldati ta riġment għalchemm ċchejchen icollhom il ħîla, il għakal, id-dehen li għandec inti, chiecu żgur li ebda għàdu, għalchemm akua minnu, ma icollu il ħîla li jirbaħhom. Int lil Għaudex għâd tisuielu."

M'hemmx għalfejn, mela, li nokogħdu ngħidu iżjed fuk Xmuni, la darba La Vallette (dac li ismu jibka għall dejjem jissemma mill Maltin b'kima u ferħ cbir) kâl minnu fi ftit cliem dac collu li sata' igħid.

Xmuni, dment li chien Malta, tgħallem ucoll minn fomm La Vallette, il-lsien għarbi, u 'l franciż u 't-taljan, għax dan il Cavaljer, li chien sâr iħobbu daks daul għainejh, u li chien jitħaddet b'daun l'ilsna bħalchiecu ta pajjiżu, ried igħallimhomlu għall gìbda li chellu lejh.

Chienu armajn għaddeu xahrejn minn dic l'aħħar làkgħa tal Cavaljer La Vallette lil Xmuni, meta għodua uaħda, mingħajr ħadd ma chien jistennih, dan il Cavaljer jidħol fejn Xmuni, u collu ferħan bèda igħidlu :

" Tixtiek xejn tmur Għaudex ? "

" Jakau ? "

" Trid tigi miegħi ? "

" Jien ?..."

" Int, iva, kiegħed ngħidlec."

" Nigi, mela. Meta tmur ? "

" Għâda ! "

" Għâda ? !..."

" Mniex kiegħed tiddejjak ? " staksih La Vallette x'ħin rah sejjer jitħauuad.

"Ma tafx, int? Sejjer nitlak hecc mingħajr ebda..."

"Ah! fhimtec, fhimtec; collox seuua. Imma, dac xogħol ta siegħa. Ibka sejjer għand Fra Piet Oliveras (hecc chien jismu is-surmast tiegħu) din is-siegħa u mbagħd għand il Gran Mastru, għax ġà jâf bîc!"

"Jâf bija?... Chif jâf bija?"

"Ħa, akra."

Haun neuuillu carta; Xmuni tafa' għainejh fukha, u collu mistagħgeb kâl:

"Jiena fizzjal!... Jiena fizzjal!... Mîn jâf chemm..."

"Ħallic minn dan issa, aħseb ħalli tmur tiżżiħajr u takdi xi żiajjar. Għâda, mbagħd, mîn jibka ħajj, nitilku lejn Għaudex."

L'għâda, mela, chif chienu miftehmin, telkulha lejn Għaudex. Hemm, ix-xatt, sabuhom jistenneuhom, missier Xmuni u Uenzu ħàtnu.

S'issa Xmuni ftit jeu xejn chien jafu lil dan Uenzu; iżda, chif rà dic l'imgieba tiegħu, dic il ħerka li biha lakgħu u feraħ bih, ngibed lejh u għannku miegħu bħallichiecu chienu ħbieb mill akua. Li tnejn chif rau il xulxin, donnha ħaġa tal għageb, ħasseuhom jinħasdu u mingħajr ma jafu l'għala, bħalchiecu klubhom tbeuusu u saru ħaġa uaħda. Il gìbda, mbagħd, ta Xmuni għall Uenzu chibret flimchien mal imħabba x'ħin missieru semmielu li dan miżżeuueġ lil oħtu Marta. Minn dac il ħîn, mela, Xmuni ħabb il Uenzu m'hux bħala ħabib biss, iżda bħal ħuh, bħal missier; ħabbu bħal uieħed minn ta geuua.

Uenzu stħajjluh ragel mdakkas, għainejh cbâr u suued, ħaddejh mimlija igħajjtu fil ħmura, ġbinu uasa, mnieħru mislut mislut, xuftejh żgħar u irkâk,

snien bojod daks il ħalib, il-lħitu bi ftit xagħar magħha ; uiċċu, f'chelma uaħda, jisrak il klub.

Dan chien mnissel minn familja skallija, bin missier u omm tuajjba, li rabbeuh fil bìża t'Alla u tagħhom, ħeluin ma colħadd, ħanin mal fkar, u għalhecc lil binhom sa minn żogħritu żejjnulu kalbu b'dac ittagħlim, li coll omm u missier imisshom inisslu f'uliedhom. Daħħluh fil milizzja, u chien il għaxka ta sħabu collha u tal capijiet tiegħu; stħarrġuh malajr fil maniġġar tal armi, u ma damx ma laħak fizzjal, fost il ferħ ta colmîn chien jafu; imfaħħar għall ħîltu u għall għaklu, mill cbâr u iż-żgħar chien miġub fuk uiċċ l'idejn.

Għalchemm minn daru ma tantx chien jagħmilha tajjeb daks nies Xmuni, missier dan xejn li xejn ma stmerr il ħotba, meta Uenzu ried jitħallat miegħu, għax għarfu bħala żagħżugħ tajjeb u għakli u l'icun jista igħajjex lil martu u l'uliedu u bihom jitferraħ. Żeuuiġlu, mela, il bintu ; u bħalma Uenzu chellu għax jifraħ bil għażla li għamel, hecc ucoll nies martu chellhom biex jitgħaxxku bih li daħħluh f'darhom. X'għageb, mela, li klub Xmuni u Uenzu l'euuel darba li ntakgħu hemm l'Imġarr ntagħkdu, x'ħin seuu il uieħed chemm l'ieħor ma chiex barrani għall sieħbu.

Chif uaslu il Castell, il lakgħa li għamlu lil Xmuni, ħuejjeġ cbar ; għax côs ! colħadd chien igibhom lil ta Xiriħa, u ferħu uisk iżjed x'ħin saru jafu li Xmuni chien laħak fizzjal tal milizzja.

Ilcoll dac nhar faħħruh bil bosta l'Ordni ta San Ġuann, u biercu l'Alla, għax issa uliedhom għandhom actar mîn igħallimhom chif jissarau għall gżira tagħ-

hom; iżżeuħajr l'Alla talli bagħat isaltnu fuk daun il gżejjer lil daun in-nies minnu maħtura biex iħârsuhom, uara ħàcma ta fuk it-tlet mitt sèna ta ġuħ, għaks, u ġlied ma mîn chien imexxiehom.

---

### III.

### It-takbida tal 1544.

Jum uara l'ieħor chibret ix-xnigħa li gejjin it-Toroc f'Għaudex, u f'sìder coll Għaudxi bdiet iżjed ittaktak bil kauui l'imħabba lejn din il gżira li fiha tuieled. Fl'għakkal tal acbar taħbit, tal acbar hèmm, deher jilma u jiddi fuk uiċċ dauc misserijietna il ferħ u jecc m'hux il ferħ ta'r-rebħ, talankas il ferħ li imutu għall pajjiżhom. Tant chienet tal għageb l'imħabba tagħhom għall gżejjer tagħna, li f'coll ħin cont dejjem issibhom mħejjin għall coll xorta ta tbatija u taħbit, bil fehma li jeħilsu daun l'artijiet mill killa tal għàdu tagħhom.

Huma chienu jafu x'kauua ta nies u xuieni għandhom it-Toroc, chienu jafu ucoll bil killa u il mibegħda tagħhom għalihom, l'actar ta dac il midgħi Dragut; iżda, b'dana collu, ma naksithomx il ħîla, actar żdeditilhom il ħrara, u għalhecc bdeu ilestu ruieħhom mill aħjar għall xi takbida li setgħet tinkala' għall għarrieda. U din it-takbida ma damitx ma nkalgħet.

Chienet ġurnata ta april ta 's-sèna 1544, u ir-ràba iħaddar bil ħxejjex, u is-siġar collha uerak, u ifeuuaħ b'in-nuar u 'l uard tal maħbuba gżira tagħna, x'ħin deher jiggerra u iħarbat l'uċuh tagħha il chiefer Dragut b'in-nies tiegħu, nies ta ħîla iżda ta bla kalb.

Chif xterdet l'aħbar ta nżul it-Toroc f'Għaudex, it-

tkankil ta 'r-rebħ chiber fi klub l'Għaudxin, f'colħadd xegħlet iżjed l'imħabba, mingħajr ħadd ma satagħ iuakkaf jeu inakkas mkar għall ftit dac li chien iħoss ġo kalbu.

Minnufih, 'rgiel u għożżjieb ilcoll inġàbru fil misraħ tal Assunta, taħt il Commendatur D'Averju u ta Ximenes, ħâchem ta Għaudex, biex dlonc jarau chif sejjrin jibkgħu. Mîn jitħaddet minn haun, u mîn igħajjat minn hinn, chien hemm agħa li ittarrax. Chien hemm mîn ried jibka fil Castell jigguerra mal għàdu minn fuk il ħitan, u mîn ried joħroġ il barra m'is-suar biex jilkgħu fejn jintàka miegħu. Din tal aħħar, ngħoġbot iżjed; il biċċa bakgħet li joħorġu u jissarau mal għàdu fejn isibuh, chif chien uissiehom gimgħât kàbel Fra Ġuann La Vallette meta gie jati dakka ta għajn lil Castell.

Żmien x'jitilfu ma chellhomx, għax il misilmin chienu reskin ġmielhom lejn il Castell. L'agħa chibret minnufih chif Ximenes richeb iż-żiemel u rauh mdauuar mill fizzjali u il cbarât; u għajjât cbir ta ferħ ħareġ minn fomm colħadd:

"Viva l'Assunta! Viva Ximenes! Għa't-takbida!"

Colħadd gie imkassam f'għastu; fîs it-trombi tau is-sinjal ta 't-tlugħk, u is-suldati bdeu mexjin bħallichiecu sejjrin għall xi għors. Dic mħabba illi ankas mill meut ma tibża!

Ma 'ddauurux ma ħalleu urajhom il Castell u ir-Rabat miegħu u gìbdu l'isfel lejn it-Tiġrija biex jiltakgħu mal għàdu li chien tiela mill Imġarr fejn chien niżel.

Xmuni u Uenzu messhom jimxu f'râs ir-riġment.

Ma tûl it-triek, Xmuni li chien magenb Uenzu, kallu:

"Uaslet hi segħetna... jiena nħossni ser 'ntîr bil ferħ! Ili ħafna nixtieka din is-siegħa!"

"Ħieni nista nissejjaħ jien ucoll," uieġbu ta ħdejh, "issa li ma għandix ħsieb iżjed Marta u Ġuseppi. Issa, iva, tasseu kiegħed nħoss il kauua tiżdiedli u kalbi tixgħel bl'imħabba."

"Jakau?! Ħbejthom?!"

"Iva."

"Fejn?... Ftit kàbel ma tlakna l'ħaun, rajthom!" uieġbu Xmuni collu mistagħgeb.

"Ftit kàbel... ftit kàbel... dac chien sagħtejn îlu; għax chif smajt li it-Toroc uaslu fukna, kbadt iż-żiemel tiegħi, issellift ieħor, irchibna uieħed coll uieħed, jien u Marta b'Ġuseppi, lebbitniehom lejn in-naħa tal Għarb, u f'kasir żmien usalna f'Uied il Cbir, fejn ħallejthom f'uieħed minn dauc l'għerjien li int semmejtli meta conn'na tilgħin m'id-Duejra."

"Ħsibtha ta ragel; hemmhecc l'ebda sanġacc torc ma isibhom; seuua, seuua uisk."

"Ħsibtha ta ragel jien, iva; iżda, mîn jâf narġax immur għalihom!" issocta Uenzu b'moħħu mdejjak fuk martu u ibnu. "Isma, mela, ħabib ta kalbi, jecc katt jigi li ninfirdu minn xulxin għall dejjem u immut, nitolboc tieħodli ħsiebhom inti, lilec biss nafdahom, fìc biss nitma u nitlakhom f'idejn Alla. Ftacar f'oħtoc u binha. Tuegħidni li kiegħed nitolboc, Xmuni?"

Xmuni ma uieġbux mill euuel, għax kalbu dac il uakt ħasset ueġgħa li taksam il blât; għainejh chienu collha dmugħ:

"U tgħid sa nitilfu?" ħargitlu Xmuni.

"M'hux nitilfu, għidt jien," kallu Uenzu, "iżda, jiena nista immut; din tista tcun għalija l'aħħar

takbida mal għedeuua. Iżda, talankas jecc immut issa, immut moħħi mistriħ, għax sibt mîn jieħodli ħsiebhom dauc li jien inħobb fuk l'oħrajn. Għalic, mela."

Ma tulec ja takbida, Uenzu u Xmuni ħarġu ta rgiel u kalbenin li chienu. Xmuni, żagħżugħ tal għakal u 'l ħila, uera x'isarraf, għalchemm għâdu għalak il għoxrin. Dan, fl'akua saħna ta 't-takbida, uakt li it-Toroc kamu daks baħar għall Għaudxin, chien jissara bħal ljun u ħeles il Commendatur D'Averju minn dakka ta xabla li chien sejjer ivenvinlu uieħed Torc li donnu chien jafu lil dan Averju ; iżda, l'imsejchen fizzjal għaudxi, uakt li mâr jilka id-dakka mxejjra lil Averju, l'ieħor b'sengħa cbira u b'ħeffa tal għageb, jolkot lilu u jitfgħu fl'art imgħargħar f'demmu. Averju ntebaħ b'collox, u mgħolli għa'ż-żagħżugħ għaudxi, iħebb għa't-Torc b'dagħdiegħa kalila u uakt li sejjer iniżżillu ix-xâbla fuk rasu, kallu :

" Għaraftec, għaraftec ! Haun ucoll gejt tfittixni ? Għadec tiftacar ? Ta 'd-demm cont bil għaċċ, ixrob mela demmec."

Hu u igħid hecc, Averju niżżel b'saħħa cbira ix-xâbla; iżda, it-Torc sgħiċċalu filli uieġbu :

" Gejt u nibka nigi sachemm jeu jien inħalli gildi jeu int ħajjtec taħt dakka ta mannara."

U b'saħna acbar, imur fuk Averju, u chif chien mitluf minn sessih, chien għoddu ħallih mejjet, li chiecu ma nzertax krîb Uenzu, li dan, chif lemħu, uaħħallu dakka ta xâbla fuk driegħu il merfugħ, u minnufih dac telak ix-xâbla li biha chien sejjer jinfed il Commendatur.

Dic is-siegħa, laħku xi erba' suldati oħra għaudxin, li minnufih daru magħhom, u lil dac it-Torc rabtuh

bħala ilsir. Dan collu li sâr, għadda f'leħħa ta berka, hemm, krîb ta Ħamet.

L'Għaudxin, f'din it-takbida giebu ruieħhom chif imiss; tau xebgħa l'it-Toroc chif tixirkilhom, ġagħluhom jaħarbu ħin bla uakt, u lil Dragut katlulu l'għeżeż uieħed li chellu, il ħuh, flimchien ma bosta oħrajn.

Uara li it-Toroc ħalleu ħafna minn tagħhom, mîn maktul, mîn mjassar, u sejjrin isalpau b'għajb cbir minn fuk il gżira ta Għaudex, in-nies tagħna ferħu għall aħħar u għamlu għors ta 'r-rebħa li giebu fuk il għàdu.

Iżda, m'hux colħadd chien ferħan, għaliex x'uħud fosthom tilfu il missier, u mîn 'l ħuh, u mîn l'għarus; chien hemm mîn chien mgħolli jeu għall karibu, jeu għall ħabibu, jeu għall girienu. Għalhecc, għalchemm dac l'għors chien mnissel mill imħabba u 'l ferħ, ma chienx iżda għa't-tûl, u l'ankas ma chien ferħ tabilħakk; għax mita il ferħ jissieħeb mal għali, dan jiġbed il dac u jitħallat miegħu u igibu f'tiegħu, għaldakshecc ma icun fih ebda uixx, u inicchet u idejjak, għax il ħsieb biss li dan hua ferħ u li ma jistagħx jiddauuar u bih tifraħ mħabba l'għali li għandu miegħu, dan biss joktloc u iseuuidlec kalbec. Il ferħ, m'hux, le, ferħ meta l'għali icun imsieħeb miegħu.

L'Għaudxin, mela, għalchemm f'dan il jum ta 'r-rebħa tagħhom chellhom biex jifirħu tasseu, collha bcheu il meut jeu il jasar ta xiħadd mill għeżeż ta kalbhom. Dan ġàra f'it-takbida tal 1544.

## IV.

## Minn ta Hamet sa 'd-Duejra.

Ftit li xejn tchellmu is-suldati u il fizzjali għaudxin huma u tilgħin lejn il Castell uara it-takbida. Ilcoll ħbieb tal kalb ta xulxin u uljied gżira uaħda, derreu iħarsu l'haun u l'hinn ma tûl it-triek, biex jarau jilmħux mîn lil dan, u mîn lil dac, li chien magħhom f'it-takbida li chellhom ftit kàbel ma 't-Toroc. Iżda, jaħasra, bosta minnhom, uara li fettxeu b'għainejhom lil dauc collha li chienu mixjin u stakseu lil ta magenbhom għall ħbiebhom, dauru uiċċhom in-naħa l'oħra, u bil moħbi mesħu id-dmugħ, li bħall xejn chien ibelgen ma ħaddejhom.

Uenzu, mbagħd, li chien iħobb lil Xmuni fuk li iħobbu, chien kalbu maksuma għall aħħar meta ħares maduaru u ma lemħux magħhom.

U Xmuni, côs, chien tasseu ta mîn jagħli għalih ! Għâdu fl'aħjar tiegħu, kalbieni chemm tridu, ta ħila cbira, ta għakal ta xiħ, ta tiubija ta anġlu, chien tasseu fih x'uieħed jitħassar ! D'Averju, mbagħd, li chien jafu biżżejjed il dan il żagħżugħ u li issa ħass ruħu actar miġbud għalih fuk li chien ħellsu mill meut, xtâk li uara li jinġàbru il Castell ichellmu u jiżżuħajr ta daċ li għamel miegħu f'it-takbida ; iżda, x'ħin fettxu u ma sabux, ħassu sejjer imut bil għali.

Fl'aħħar, meta chienu korbu seuua lejn ir-Rabat, D'Averju lemaħ lil Uenzu miexi kuddiem, u iħares l'haun u l'hinn, bħalchiecu kiegħed ifittex il xiħadd, u billi chien jafu bħala ħabib cbir ta Xmuni, sejjaħlu

magenbu, telak lil oħrajn jimxu il kuddiem, u chif chienu uħudhom, kallu :

" Uenz, Xmuni m'hux magħna? Ilni it-triek collha ngħarrex biex nara nilmħux, u le ma rajtu ! Fejn bakagħ, tgħid? "

" Lilu ucoll, la tridni ngħidlec, kiegħed jien nfittex," uieġbu Uenzu minn taħt il-lsien " imma haun ma jidherx."

" Rajt xejn hux mal midrubin ? " rèġa staksa D'Averju li issa bèda jaħseb xi ftit ħażin.

" Rajt, iva, iżda l'ankas ma sibtu."

" Mejjet, mela !..."

" L'ankas, għax kàbel tlakna l'haun, dort mal mejjtin collha, u fosthom ma rajtux. Nħossni niexef bil għali, għax ma nista nâf xejn fejn hu."

" Uaka', tgħid, ilsir !... Ja msejchen Xmuni," tniehed minn kiegħ kalbu f'dac il ħin il Commendatur, " fiex uasslitec il ħeġġa li biha ridtni noħroġ b'uiċċ il gìd! Fiex gibitec mħabbtec għall art tuelidec! Imma, x'irid icun?... Il meut xtakt int għall pajjiżec u jiena kiegħed nibchi għax xeuktec nofsha biss mitmuma!..."

Mbagħd dâr lejn Uenzu, u filli igħannku ma sìdru u ibusu beusa li biha ried ifissirlu li katt le ma jinsa dac li għamlu miegħu hu u Xmuni f'din it-takbida, u filli igħidlu :

" Lilec ucoll, għażiż ta kalbi, xejn ankas minn ħabibec niżżichajr talli ħlistuni minn taħt idejn dac il maklub ta Skalli."

" Skalli ?! "

" Iva, Skalli. Għaliex tistagħgeb ? Taħseb jakau li

billi Skalli ma jaklebx? Dac, ilni nafu is-snîn! Cont għâdni fuk il gifen *Catarinetta.**

"Dac chif għaraftu taħt dac ilbies u b'dic il leħja?"

"U ngħid ngħarfux, u ngħid! mkar jecc chiecu ħalla il beżbuża ucoll."

Uenzu mgħolli għall aħbâr li tah D'Averju, chellu mitt sèna sachemm jitlak għa'd-Duejra biex jara x'sâr minn martu u ibnu. Għalhecc, chif sata' iuarrab minn Averju, richeb iż-żiemel u irħilu ilebbet uaħdu lejn Uied il Cbir.

Is-sèma chien mill leun iċ-ċomb, u ċpar ma collimchien; sicta ta riħ cbira, u dîfa li tħossha iżżommloc in-nifs; tallik li imarrad, u sħana li iddejjak; ix-xemx, mbagħd, imgħajjba uara is-sħâb, u il baħar kiegħed bħal gebla; in-nies, u il bhejjem u 't-tajr, chienu donnhom inkerdu collha, u Uenzu, f'dic il ħemda, iħares, ifittex ma mîn igħid chelma. Oh, xi suied il kalb chellu dac il ħin l'imsejchen Uenzu!

Hu u sejjer ħusbien għall aħħar għa't-telfa ta dac ħabibu, u mdejjak minn dac l'ajru li iħauuad saħansitra il bhejjem, uasal mingħajr ma ntebaħ uara l'għolja ta Għajn Għabdul, ftit l'hinn minn dakxejn ta cmajra li chienet tinsab moħbiha kalb is-sigar tal ħarrub u tal ħalib.

Uenzu, chif soltu jagħmel, x'ħin chien kuddiem dic il għorfa, sejjaħ bħal dari:

"Paulu! Paulu!"

---

* Dan il gifen chien makbud f'is-sèna 1548 minn Dragut, uakt li chien gejj Malta, mgħobbi b'tabxa flûs. Il Cavaljeri li chien hemm fuku, infdeu bi tlet mitt scut ta 'd-deheb il uieħed.

Hecc dejjem chien jagħmel coll meta chien igħaddi minn hemm, għax Paulu, sîd dic l'għorfa, chien ħabib tiegħu uisk, u chien igħożżu uisk. Din id-darba, iżda, ma daħalx jistrieħ bħalma dari jeu ikatta dic in-nofs siegħa miegħu, imma bakagħ miexi mingħajr ma stenna it-tuegiba ta Paulu. Dakka ta xi cuarta uara, chien kiegħed igħannak ma sìdru il maħbubin Marta u Ġuseppi.

Oh, f'liema ħasra sabhom lil daun l'għeżjież ta kalbu! Marta ma chellhiex, le, dac il ħin ħaddejha mill leun il uarda, u l'ankas xuftejha ma chienu mill leun il kroll; iżda, musfara daks il karsa ta 'x-xamagħ, b'rogħda uaħda, u b'għainejha micsurä, chienet tistennih minn siegħa għall oħra fost duejjak cbar.

L'imsejcna u binha, f'dac il jum xejn ma dâku, għax bil fixla, kàbel ma telku lejn id-Duejra, nseu jeħdu magħhom xiħaġa tal ichel; iżda, Uenzu, li chien ftacar f'dan kàbel ma kabdu il Uied, kâl lil Paulu ta dic l'għorfa biex iniżżlilhom xiħaġa minn tiegħu.

Iżda, Paulu, donnu nsieha it-talba ta ħabibu Uenzu, u xejn ma ħadilhom. Għalhecc Marta, mħassba ħafna u kalbha ittaktak għall żeuġha, li chien mâr għa't-takbida ma 't-Toroc, u magħfusa bil ġugħ, malajr tbielet u nxtorbot fi ftit siegħat. Chif lemħet, mela, lil żeuġha, ħadet ir-ruħ, u ferħet m'hux ftit x'ħin mbagħd ratu magenbha, u:

" Uenz," kaltlu, "il Madonna bagħtitec; conn'na sejjrin immutu bil ġugħ, haun uħidna f'dan ir-rdum!"

Żeuġha, maħsud għall daun il cliem ta martu, u:

" Mela, Paulu," uegibha, " xejn ma gebilcom?"

" Le, il Paulu ma rajtux b'għainejja."

" Għali fuk ieħor," tenna Uenzu minn taħt il-lsien.

Mbagħd, uara li kagħad jaħsibha dakxejn, règa kàbad:

"Immorrux, Mart, immorrux lejn darna, għax haun ma haunx biex titrejku?"

"Immorru, iva, immorru; imma..."

"X'għandec, imma?..."

"F'dan id-dlâm... bil mìxi... mîn iuassalna?"

"Għandi iż-żiemel."

"Imma, côs, m'hux aħjar nibkgħu haun sa jisbaħ, u mbagħd nitilku?"

"Imma, Mart, chif trid tuassal b'xejn sa filgħodu?"

"Nara chif ngħaddi. Xi trid tagħmel!"

"Jiena għalija xorta, sachemm inti ma tbatix. Imma, sejjer inħallic b'xejn? Ħalli nasal sa fejn Paulu u nistħarrġu talli ma giex u nara ngibilcomx xiħaġa."

Chien dlam taktgħu b'is-sicchina, ħemda tal meut, u uaħx li ibażża.

Iżda, Uenzu, mingħajr ma kagħad jitmeżmeż ula m'id-dlam, ula mill ħemda, u ankas mill uaħx, ħareġ u bakagħ sejjer sa uasal sal għorfa ta Paulu. Ħabbat; iżda, ħadd ma fetaħlu; sejjaħ lil Paulu għal darba tnejn tlieta; imma, ħadd ma uieġbu. L'imsejchen tħauuad; x'jakbad jagħmel? Jecc jitfa il bieb geuua u jidħol, jeu jecc iħalli collox u jitlak għa'rrieħu, x'isir minn martu u ibnu? Minn banda ra li m'hix ħaġa seuua li jiftaħ u jidħol, u mill banda l'oħra ra li ma chienx jakbel iħalli il martu u l'ibnu bil ġugħ. Kagħad ftit ħusbien chif sejjer jagħmel, u minn moħħu għaddeulu daun il ħsebijiet:

"Chif chien ma fetaħlix? X'għandu igħid fija? Għaliex kalli li jieħu ħsiebhom u mbagħd ħalliehom b'xejn? U côs, mîn jâf hux haun? Ħalli nara!"

Ħabat sejjer jati dakka bi rcobtu fuk il bieb, x'ħin rèġa żamm, u bèda igħid bejnu u bejn ruħu :

" Jiena ucoll chemm jien iblah ; x'sejjer nagħmel ? U jecc hu haun geuua rieked, ma jieħux katgħa u jitlef saħtu ? Mûr ara x'jaħsibni ? Imma, sejjer nibka haun nħares ?... Għax ma fetaħx, tgħid ? Mîn jâf côs, fl'aħħar mill aħħar, ħassux ħażin, mingħajr ma jista la jiftaħli u l'ankas iuiegibni ? "

Dan il ħsieb uettku li għandu jiftaħ u jara x'għadda minn għalih ħabibu Paulu.

Jirtogħod bħal xakk il kasba għax ma jista jifhem xejn l'għaliex d'is-sicta collha, medd idejh it-tnejn, uaħda coll naħħa tal bieb, għamel saħtu collha, u bumm il bieb geuua. Daħal u ħaseb li ser isîb lil Paulu jieħodha miegħu talli daħal fuku għall għarrieda, stenna li ser jarah gejj fuku b'xi sejf jeu b'xi stanga iuaħħallu chemm jiflaħ; iżda, ħemda, ħemda... Rèġa sejjaħlu, fettxu fi rchejjen collha; iżda, dejjem ħemda, ħemda... Fl'aħħar, uakt li kiegħed iħauuad fuk il farxa li fukha Paulu chellu drauua ikiegħed xi ħobż u xi ħuejjeġ oħra tal ichel li chien jiddobba b'it-talb, ħass bejn idejh xi żeuġ lokmjiet u xiħaġa oħra. Ħadhom, rèġa ta dakka ta għajn ma duaru, u iżjed imħasseb minn kàbel, telak għall fejn martu li malajr b'Ġuseppi magħha leutuhom mingħajr ma stmerreu l'ebusija tagħhom. Uara dan, iddauuru jistrieħu sa't-tbexbix.

## V.

## Is-Serka.

Uara lejl mgħoddi fost tbatija cbira u imtakkal b'ħafna ħolm icrah, Uenzu u Marta u binhom kabdu biex jitilku lejn darhom fil Castell. Id-daul chien għâdu ma feġġ, u id-dalma f'dac il uied chienet għadha tieħu ġmielha, il ħemda micsura b'xi għajta ta barbaġann jeu xi cocca, li b'ħeffa ta vleġġa chienet tofrok dic il ħemda. F'uaħx bħal dan, Uenzu niżel isfel bil ħsieb li jarma iż-żiemel, li aul-il-lejl ħallieh marbut f'dakxejn ta daħla bi ftit ħaxix kuddiemu. X'inhu? B'għaġeb cbir tiegħu, uara li fettxu fejn ħallieh, u maduar hemmec ucoll, ma sabux. Nħallicom taħsbu x'ruħ chien bakagħ fih! Jiesu armajn maktugħ l'isibu, issocta jimxi mal uied sa tarf il baħar, dar il Kaura, rèġa tala' u iż-żiemel dejjem baħħ! Fl'aħħar, mbicchi, fettex mâr kâl lil martu bil biċċa u iżjed imħassbin minn kàbel, irħeulha lejn il Belt.

X'chienet issa din ta 'ż-żiemel?

It-Toroc, imgherrxin m'ix-xebgħa li kalgħu, bilġri bilġri ricbu ix-xuieni u bla nôm, telkulha il barra minn fuk il gżira.

La darba fuk il baħar, uieħed Torc, jismu Selim, deher imħauuad u jiggerra minn tarf sa tarf tal bastiment, donnu kiegħed ifittex lil xi ħadd li miegħu imdieħes seuua. Uara ħafna tiftix u mistoksijiet għalxejn, Selim kâl lil Dragut għaliex din it-tiftixa, u talbu iħallieh jinżel l'art u jara x'sâr minn ħuh Halil. Dragut, li chien igibhom seuua lil aħua Selim u Halil, gibed rotta fuk ir-riħ ta'd-Duejra, mèxa mal plajja il plajja u x'ħin chien dalam seuua, karreb

gifen lejn l'art u ħalla jinżel lil Selim b'erbgħa oħra miegħu ifittxu lill Ħalil. Minn hemm dritt irħeulha lejn il Castell. Huma u telgħin mal Uied, uieħed ntebaħ b'iż-żiemel li Uenzu dic il lejla chien għâdu rabat f'dic id-dakxejn ta daħla, ħalleulu ix-xchiel, u Selim li chien fukhom ricbu u issuctau lejn il Belt.

Din chienet il bicca ta 't-telfjen ta 'ż-żiemel ta Uenzu. Issa, nakbdu fejn conn'na. Uenzu, b'rasu mimliha daks kartalla, bil chemchemm id-dmugħ ma jakbżux minn għajnejh, bakagħ sejjer ma martu u ibnu lejn id-dâr. Dicment, chien bèda jisbaħ ġmielu, għalchemm is-sèma imsaħħab u rieħ li itajjar il gebel. Miexi magenb Marta b'Ġuseppi fi ħdanu, Uenzu ta sicuit chien jitfa għainejh maduaru ifittex il Żirmi ta kalbu, chif chien isejjaħlu l'iż-żiemel tiegħu.

Iżda, Żirmi ma deherx, l'ankas mchien ma instama' jiżher; Uenzu ħaseb li għâd isibu billi kâl li żiemel ma jinsterakx ; u Marta, mbgħad, li donnha kalbha ħebritha minn xi għauġ li sejjra icollha iġġarrab, ta sicuit chienet tieħu fi ħdanha il binha u tarma tbusu bħalchiecu gejjin jieħduhulha, u dauc għajnejha mxarrbin b'id-dmugħ chienu igħarrxu ftit l'hinn minnha, iħarsu cass, u mbagħd, bħal mîn irid ichecci xi ħsieb icrah, idauru band'oħra.

Siecta it-triek collha, minn taħt il għajn sicuit tħares lejn żeuġha mingħajr ma tista tiftaħ fommha imħabba l'għafsa li chienet tħoss f'kalbha, li l'ankas hi ma setgħet tifhem il għala. X'ħin għoddhom korbu lejn l'għorfa ta Paulu, Uenzu mingħajr ma ried, bèda isejjaħlu bħalma dari ; iżda, Marta, li donnha chellha f'kalbha għall Paulu għax ma ħadilhomx x'jieclu, daret lejn żeuġha u kaltlu :

" Ħallieħ, ma tarax li ma iridx ħjiel magħna ! "

" Tgħidx hecc, Mart, għax Paulu m'hux ta dan ! " uiegibha żeuġha. " Tgħid, mîn jâf bakagħx għand oħtu, l'Għarb."

" Sbejħa din; mela, għax uegħdec li jieħu ħsiebna ?" reġġħet Marta.

" Għandu mnejn nèsa ! "

" Din aħjar ! La tâf li jinsa, għax ħallejt fi ħsiebu ?" Chienet għadha ma temmjietx il chelma, x'ħin żammet f'dakka u kabdet tissamma.

" Ikaf, ikaf, Uenz," kaltlu taħt il-lsien. " Deherli smajt xiħadd jokrob lejna."

Kagħdu ftit issummati iħarsu u jissemmgħu, x'ħin Marta reġġħet semgħet xi cliem idamdmu mal blât tal uied :

" Allaħ il Allaħ u Maumettu in-nabi tiegħu jisħtu il Għaudxin."

" Smajtu, Uenz ? dan x'inhu ? "

Uenzu bakagħ chif chien uiekaf, jaħseb, x'ħin rèġa samagħ :

" U lilna ir-rebħ fuk daun l'icljieb ! "

Mingħajr ħadd minnhom it-tnejn ma fehem mnejn chienet gejja din it-taħdita, bakgħu iħarsu bħal żeuġ gebljiet lejn xulxin. Imma, ma damux ma ntebħu mill ħoss ta mìxi mgħaggel illi xiħadd riesak l'isfel, għaliex chif ħârsu il fuk tal uied, rau ħamsa m'in-nies neżlin igħaġġlu lejhom.

Uenzu li għaraf li dauc chienu Toroc, mingħajr ma jâf x'jakbad jagħmel, fettex kâl lil martu biex tħoll il mactur ta rasha u tneuuillu ftit żrar oħxon għa't-takbida ma dauc il ħamsa. Lilha, mbagħd, kalilha biex tkiegħed lil Ġuseppi taħt il ħajt u tgħerbeb il

fardal u trauuem żbandola bħalu. Marta, msejcna, ħassitha sejjra ittieha rakd-ir-ruħ, u bil chemchemm chellha is-saħħa biex tagħmel dac li kalilha żeugħa; iżda, dan għamlilha il ħîla u billi hi fehmitha li jinħtegilha taħseb għa'r-rasha imħabba f'żeugħa u binha, minnufih rabtet żbandola, ġàbret ftit gebel magenbha u ħejjiet ruħa hi ucoll għa's-sarâr ma dauc l'għedeuua, u tirtogħod bħal xakk tal kasba, sàfra daks il-lumi.

Daun il ħamsa minn nies chienu dauc li niżlu minn fuk li ġfien biex ifittxu lil Ħalil; iżda, ma għamlu xejn, għâd li talbu lil Ximenes jatihulhom. Chienu għalhecc niżlin b'xogħfa kalila fukhom, jidgħu dagħa li iriegħed il blât, u jaħilfu ħalf li iuaħħax. Cliemhom, cliem li semgħet ftit kàbel Marta, jidui mal uied.

" X'uaħda din, daun x'inhuma?" kalet imbeżżgħa Marta.

It-Toroc, chif rau li fil uied hemm in-nies, b'ħeffa cbira telku jiġru l'isfel għall fuk Uenzu u Marta, u chif għoddhom laħkuhom, b'daħca imuerżka, imsieħba b'it-tgħajjir, kalulhom :

" Jiekfu, intom il-lsiera."

" Ilsiera!... Le, lsiera katt ma incunu! " tenneu flimchien Uenzu u martu.

U b'saħħa cbira, bdeu iuaddbu fukhom il gebel bli żbandoli.

It-Toroc, mill banda l'oħra, ma bakgħux kegħda; mixgħulin b'killa liema bħalha, daru għalihom, siltu ix-xuabel mill għant, u erħilhom jatu u igħajjtu.

Chienet iddum sejjra din it-takbida, żgħira m'innies u cbira fil ħeġġa m'iż-żeuġ bnadi, li chiecu, jaħasra, Uenzu ma giex midrub minn uieħed minn

dauc, li għall għarrieda, taħ dakka ta xâbla u xeħtu minn tulu fl'art. Kàbel xejn, iżda, tnejn m'it-Toroc geu maktulä b'id-dakkjiet ta gebel li uaddbilhom Uenzu; imma, issa, Marta ma setgħetx teħodha iżjed mal oħrajn. Għalhecc din, b'jiesha maktugħ, u b'kalbha magħfusa għall żeugħa, ntefgħet fuku, u bdiet tgħannku u tibchi chemm tiflaħ. Ħin bla uakt, dauc il chiefra rabtuhom u għamluhom ilsiera tagħhom.

" Ja msejcna omm, chemm chellec tbati ! Mîn katt chellu igħidlec li għandec takagħ taħt idejn it-Toroc, meta għaggilt ħrabt minn geuua darec biex bilġri teħles mill killa tagħhom, u tinġàbar fejn ħadd ma jista għalic! Chemm cont chiecu taħbat aħjar li bkajt geuua 'l Castell u ma tuarrabt xejn ? Iżda, Alla hecc għoġbu. Agħmel il ħîla, issa, Marta; l'akua għalic għâdu gejj. Issocta chif dejjem cont tħobb lil Sidtna Maria, u 'l faraġ ma jonksocx. Mûr, mûr, jaħasra! dan għalic sejjer actar igħakkad ir-rieda tiegħec ma t'Alla. Ftacar li haun bakagħlec mîn jaħseb fîc u iħobboc."

---

VI.

## Fuk ix-Xuieni.

Carcruhom bla ħniena l'isfel, jiddieħcu bihom, dauc il manigoldi. Marta talbet lil dac li chien rafa' lil binha Ġuseppi, biex ineuuilulha, għax ma ħamlitx tarah f'idejn ħaddieħor minn dac il ħin. Dac rħehulha biex talankas jieħles m'it-tagħbija, u hi, għalchemm mehdija f'ic-ċchejchen binha, semgħet l'għedeuua igħidu bejniethom :

" Selim, ma nżilniex għalxejn. Dabbarna xiħaġa."

" Imma, l'aħjar ma ġibniehx : Ħalil bakagħ fejn

chien. Msejchen Ħalil! " kâl Selim uakt li issocta: " Oh, chemm sejjer ibati taħt idejn daun il clieb! "

" Fuk dakshecc ma nlumecx; dejjem hecc tagħmlu intom il ġaürin! " uieġbu uieħed minn sħabu.

" Għaliex tgħidli ġaüri *(jigifieri chelb)*? " staksih micsur Selim, " jecc imħabba Maumettu, il cbir nabi, ħallejt lil Ixa bin Miriam, u ħaddant id-dîn tal Islam? "

Sħabu infexxeu f'daħca ta żuffiett u tmakdir.

" Ah, għâdec ma fimthiex li aħna lil nsara nobogħduhom, iżda il maklubin ma naħmluhomx? Nifirħu, aħna, iva," issoctau igħidulu, "meta xiħadd minnhom jakleb għall magħna, imma nsiru nistmerruh la darba magħna, għax b'ħeffa uaħda li ħalla lil Ixa bin Miriam, hecc ucoll meta tigieh ix-xokka f'moxtha, jáf jitlak lil Maumettu, għâd li uaħdu biss in-Nabi."

Selim sichet dakxejn uaħda fuk daun il cliem ta sħabu. Katt li katt ma chien għaddielu minn moħħu li jaħsbu hecc fuku, u għalhecc ma għarafx x'igħid. Ma 't-tnigghiż, mela, tal cunxenza, li chienet iċċanfru għall nukkas ta fidi tiegħu talli ċaħad lil Cristu, żdiedlu it-tmakdir ta sħabu. Biex idauuar it-taħdita għax din ma dakkitlux, kàbad igħid:

" Talankas, iżda, ma tħabatniex għall xejn! X'chien igħid Dragut, jecc chiecu ma ltkajniex ma daun? Bin Mustafà, lilec ucoll gietec tajjba għax ser imissec lokma."

" Lokma... lokma ftit! Dauc tagħna it-tlieta! "

" Int ħu it-tarbija, jien u Ismael naksmu il bkija."

" Rażżan il-lsienec, Bin Mustafà, jecc ma tridx...! " kallu Selim iħedd'du.

" Chif, theddidni? Nsejt, mela... ? " ħatfu l'ieħor.

" Għaliex le? Cûn âf li jecc tgħid nofs chelm'oħra, tħallasha kares chif naslu kuddiem Dragut ! "

" Niscot, m'hux għax bżajt minnec; imma, ftacar li għâd nitħallas ! "

" Ismael, tih li ħakku, immela ! " kâl Selim l'ittielet uieħed.

Lil Ismael, din l'inkas għoġbitu, billi nzerta bniedem xħiħ bħall razztu collha, u xtâk sehmu ucoll, għalhecc uiegeb :

" X'għamel jakau Bin Mustafà biex ntieh b'is-saut? Cûn âf li għalchemm jien bkajt ma għidt xejn s'issa, taħsebx jeuuilla li jien nibka ma nieħux l'imissni! Tiegħi irridu bħalu ! "

" Seuua, iva, Ismael!" ħatfu Bin Mustafà ; u Selim bakagħ biex kalilhom :

" Intom titħallsu minn għand rajjes Dragut."

S'issa, Uenzu chien għâdu ma jafx fejn chien u l'ankas ma gie f'sessieh, ħlief x'ħin ricbu il gifen li chien hemm jistennihom f'id-Duejra. L'imsejchen, mħabba dac il ħafna demm li tilef, chien għâdu bħall miblugħ. Chif stembaħ ftit u fetaħ għainejh, sâb ruħu fuk gifen bla ma jâf chif, għàjjat għajta tal bìża, u rèġa ntilef. L'imsejchen ftacar f'dac collu li chien għadda minn għalih.

Marta, ftit l'hinn minnu, chienet tara collox u mîn jâf chemm ħsebijiet, jaħasra, għaddeulha minn moħħa tarah il żeuġha hecc magħdur mingħajr ma tista tatih għajnuna ! Mgħargħra f'baħar ta nichet, b'għainejha collha dmugħ, bdiet tibchi ix-xorti ħażina tagħha, x'ħin semgħet il mìxi ta xiħadd riesak lejha. Refgħet rasha minn fuk binha, li chien rieked fi ħdanha, u tara lil Selim jokrob lejha.

Chien il-lejl x'ħin colħadd rieked fl'aħjar rakda, issèma imsaffi għalchemm il baħar għadu imċaklak. Għarfitu x'ħin korob lejha li hu Selim m'id-daul isfar tal fanal li chellu f'îdu.

" Għaudxija," kalilha chif laħak ħdejha, "taktagħx jiesec, għaliex int għall miegħi. Ismael u Bin Mustafà ħadu li messhom m'ir-Rajjes tagħna talli giebu ruħhom miegħi b'dic l'imgieba; katagħhielhom għall ħamsin dakka saut il uieħed. Hecc nħallsuh aħna il mîn ma iridx jisma. Mela, minn dauc int ħlist. Aħjar miegħi jeu ma dauc il lpûp. Magħhom cont tbati u mîn jâf f'idejn mîn cont takagħ, jecc chiecu ma ndħaltx jien għalic! Jiena ma mbiegħecx bħalma chienu jagħmlu huma; bi ħsiebni inżommoc miegħi. Chif naslu l'art, nieħdoc f'dâri u nerħilec rajc f'idejc! "

Marta fehmet x'gejj għaliha; iżda, ħadmet b'rasha.

" Il żeugi fejn tħallih?" staksietu hija.

" Żeugec għall magħna ucoll," kalilha l'ieħor biex ma idardarx l'għajn minn dac il ħin. Jabni, ma chienx Skalli!

" U lil ibni?" reġgħetlu.

" Iggibu miegħec."

" Xi chemm ndumu ma naslu?"

" Chemm seuua ma nafx, scond ir-riħ u il-lant li niltakgħu miegħu. Aħna s'issa għâdna ma tlakniex imħabba f'dan l'imbatt u iċ-ċakliek u għâdna ninsabu għa'r-rdoss fejn conn'na."

" Oh li chiecu katt ma contu titilku. Fiex sejjra nsîb ħajjti!" tniehdet Marta.

" Għaliex tgħid hecc?" staksieha Selim.

" Għandec ommoc?"

" Chelli darba!" uegibha.

" Mela imissec tifhem x'kegħda nħoss ġo kalbi. Mîn jâf x'cont tgħid u x'cont tagħmel jecc chiecu int ġralec bħali ? U x'ingħidlec mbagħd għall ħija ? Mîn jâf, jaħasra ! chemm kiegħed jagħli bħal issa ! "

" Ħûc mîn hu ? "

" Ħija, fizzjal ta 'd-Dejma."

" Xiħ, tuil, kasir ? "

" Għâdu żagħżugħ, fuk tiegħu, imdakkas, xagħru isfar, għainejh..."

Nstama' ħoss ta mìxi jokrob lejhom, u Selim tafa' il lanterna, sìchet u inħeba f'rocna; mbagħd tfattxa daul fil bieb. Id-daul bèda miexi u actar jokrob u il ħoss actar jinstàma. Chien xiħadd riesak lejn Marta. Mîn chien katt ? Ħabib jeu għàdu ?

---

VII.

## Ħabib fost l'Għedeuua ?

Daks chemm hi cbira l'imħabba tal omm, dakshecc ieħor hi cbira il firda tagħha. Jintagħtau tasseu firdjiet ta ksim il kalb, ta bichi, u tal akua nichet ; iżda, mîn jista ifisser il firda tal omm ? Għall dan il ħsieb biss il pinna titriegħed, il moħħ jintilef, il kalb tinħèba u issir ċchejcna ċchejcna, u mingħajr ma trid, tingħafas u tinħall f'ghelgul ta dmugħ. Staksu il mîn tilef l'ommu. Hu biss jista igħidilcom. X'għidt jien ? Igħidilcom ? Le, le, ankas hu ma jista ifissirulcom. Biss b'id-dmugħ f'għainejh fost il-lfiek cbir itemtmilcom xi chelma. Jaħasra ! Xejn ankas mill firda tagħha għall iben, hi il firda ta dan għaliha, jecc m'hux bosta iżjed, għax hi tħobb .actar milli l'iben iħobb lilha, avvolja l'imħabba ta dan tcun cbira, cbira tasseu,

Dan ma jista igħidu ħadd ħlief mîn hu omm. Oh, imħabba ta omm, x'ma tagħmilx int biex tara l'uliedec ħienja! Mîn jista ifissrec? Għidli, għidli mîn?

Daun iż-żeuġ xorta ta puieni chienu jaħfnu il kalb tal imsejcna Marta x'ħin mar kuddiemha dac il bniedem li daħal uara Selim. Hi ġa għamlitha mifruda għall dejjem seuu minn binha, għall chemm għâdu magħha, seuu minn ommha li ġa tbegħdet minnha. Rât dac li gejj u ħassitha mn'issa mingħajr omm u iben.

Marta ma għarfitux lil dac li daħal issa; iżda, dehrilha li chienet tafu.

Imferfex, imferfex, donnu għandu il xiħadd urajh igħassìslu, pespes taħt il-lsien f'uidint Marta din il chelma: "Tibżagħx, Mart, haun jien għalicom!" u bilġri bilġri ħareġ chif daħal u ràġa mar fuk il cverta. Chienet il għassa ta dac il ħin.

Selim għarfu il dac li daħal; iżda, ma chellmux, biex ma jurix ruħu; għax, côs, dac il ħin ma chienx uakt li uieħed jista jidħaddet ma 'l-lsiera; u għalchemm mixtiek jâf x'kalilha lil Marta, ma issugrax jokrob lejha għax hu baża' l'icun magħruf.

Ħareġ għalhecc mingħajr ma kâl chelma, bil ħsieb li għâd jigi jâf x'kalu bejniethom.

Marta, imdejjka għalli uaka' fukha, infexxet tibchi u issejjaħ il żeuġha u tbûs il binha. Donnha chienet tilfet moħħa f'dauc id-dlamijiet.

Uara ħafna għajjât u bichi, Uenzu bħal stembaħ minn għaxua, u b'leħen dgħajjef:

"Marta, Marta, x'għandec?" kalilha.

"Ah, f'ħajjet Alla, tchellem, mela. Chif tħossoc?"

"Issa, m'hux ħażin!" uegibha; għalchemm chien

ħażin bosta. "Mîn hu dac li daħal issa? deherli li smajt ħoss ta mìxi."

"Ma għaraftux; imma, donni nafu!" kaltlu Marta.

"X'ried, Mart?"

"Kalli biex ma nibżgħux, għax haun hu għalina. Mûr obsor li fuk li ġħen, kalb daun l'għedeuua, haun mîn iħobbna!"

"Marta, ma nafecx taktagħha hecc malajr! Mîn jâf kallecx hecc għall xi ħsieb ta moħħu? Mîn jâf?... Chif tista tgħid li hu ħabibna, jecc minn collimchien ninsabu mdauurin bl'għedeuua. Collox, iva, jista icun; imma, din ma tantx tinżilli. Ħabib fost l'għedeuua? Ma nemminhiex."

"Collox jista icun, għidt inti; mela, jista icun li dac iħobbna," kalet Marta. "Mîn igħidlec li m'hux xi Għaudxi jeu Malti?"

"Agħar u agħar, Marta ta kalbi, għax aħjar tagħmilha ma Torc jeu ma nisrani maklub. Minn għalija, aħjar nibka taħt idejn it-Toroc għomja sa minn tuelidhom għall dic li hi fidi, jeu taħt idejn dauc li kalbu magħhom. Daun (għarucasa għalihom), uara li icunu għaddeuha tfulithom u actarx iż-żgħożigħa tagħhom maduar l'artali, icaħħdu l'Alla mill kalb tagħhom li saret jiebsa għall coll tuemmin u jinseu il ħniena cbira tiegħu magħhom, ibiegħu bla tinghiża l'imħabba ta nieshom, ta ħuthom u ta pajjiżhom. X'tistenna minn nies bħal daun ħlief chefrija? Ma tarax, jeuuilla, mill bċejjeċ li kegħdin nisimgħu bihom ta sicuit? Fejn katt nstamagħ, iżda, li Torc, għalchemm imsejchen, għama, mâr biegħ il pajjiżu u il niesu? Ah le, le, eħlisna, Muleja, minn nies bħal daun, u icolloc ħniena minn'na u minnhom."

" Seuua kiegħed tgħid. Imma, mîn kallec li dac li chellimni hu uieħed minn daun? La darba int tridni ngħidlec, milli rajt, uisk naħseb li hu Cola ta Paulu li missieru bchieh b'mejjet snîn îlu, u katagħ kalbu li jarah iżjed ! "

" Cola ta Paulu ? ! Jista icnn ? !..."

" X'int tistagħgeb ? M'hux hu, jeuuilla, chien li ħàbta u sàbta għâb mingħajr ħadd ma jâf chif ? Jecc għâdec tiftacar, conn'na għâdna tfâl, meta missieru Paulu chien mâr għand Bertu ta 't-Torri, is-Saħħâr, biex jara x'sâr minnu u dan chien kallu li Cola m'hux mejjet, iżda imjassar taħt it-Toroc. Xejn, mela, m'hija cbira jecc dac li chellimni hu Cola ta Paulu. U jecc imbagħd Cola chienx sejjer jakleb Torc, inti tafu bħali."

" Mîn katt satagħ jobsor illi uara dakshecc żmien għadu ħajj ? Chien intèsa għall collox, għax colħadd għamlu taħt it-trâb ; missieru, Paulu, stennieh għal-xejn, u issa tigi tgħidli li Cola għadu ħajj ! Cola ta Paulu ! Ma nistagħx nemminha din ! "

Bakgħu xi żmien mehdijin fi ħsebijiet bħal daun, sachemm għainejhom ngħalku u rakdu.

Il kamar mill lvant ġa chien tala' f'is-smeuujiet b'dac uiċċu aħmar nâr, donnu kiegħ ta caldarun cbir ta 'r-ram, u miexi idandal ġmielu u iuennes id-dlam ta 'l-lejl.

Iżda, Uenzu u Marta ma setgħux jarauh mnejn chienu.

## VIII.

### Fil Castell.

Chif sebaħ l'għâda li Uenzu telak għa'd-Duejra, uara it-takbida ma 't-Toroc, missier Marta, mgħolli għall aħbâr li samagħ fuk ibnu Xmuni, ma jafx fejn jibda jati rasu, bèda ifittex minnufih il Marta u il Uenzu mal belt collha, biex jara geux m'id-Duejra. Xi ġralu, iżda, l'imsejchen? Stenna il jum collu kalbu ittaktak, u x'ħin ra li għadhom ma geux, ma nżul ix-xemx mâr fejn D'Averju, u kallu bli ġàra. D'Averju, chif samagħ cliemu, flimchien miegħu ried li imorru ifittxuhom dic is-siegħa.

B'iż-żuiemel imlebbtin, D'Averju u Bennard, ma tnejn oħra, chienu joforku dauc it-triekat li mín jâf chemm il darba Uenzu u Xmuni għaddeu minnhom fil ħemda tal lejl.

Il lejl, sadattant, chien daħal ġmielu, imsebbaħ b'daul tal fidda nieżel m'is-sèma, u fil uakt li collim-chien sicta cbira, hemm f'it-triek ta 'd-Duejra chien jinstamagħ it-taptip tal mìxi ta 'ż-żuiemel imlebbtin, jidui mal blât u cont tistħajjlu mìxi ta cavallerija sħiħa.

Bennard, sa mill euuel ħaseb ħażin, u kalbu ħèbritu illi dac il ħin ma hemm sabar iżjed għalih. Hecc kaltlu kalbu; iżda, it-tama ġagħlitu jissocta jibka ifittex.

Uaslu armajn hemm isfel, u minn fuk sal kiegħ tal uied għajjtu, għarrxu u fittxeu mingħajr ma kabdu l'ebda tarf. Bakgħu mixjin sa fuk tarf il blât tal baħar; iżda, x'rau ħlief ftit daul ilekk fil bgħid fuk li ġfien! Uenzu u Marta, imma, fejn chienu?

Damu jiggerreu f'dauc l'inħaui krib sa ma sebaħ; kasmu għall chemm il darba l'oksma ta geuua u ta San Paul, telgħu il Uardija, ħârsu fil għorfa ta fuk Għajn Għabdul, ixxabtu mal blât ta Ħorof, reġgħu ferku il uied; iżda, xejn, ebda sinjal ta dauc li chienu ifittxu, ħlief mactur li Bennard sâb f'għalka krib ix-xatt, u għaraf li chien ta bintu mill marchi li chien fih. Bennard ried jissocta ifittex u ma riedx jinkàla minn dac il uied kàbel ma isibha il bintu u 'l żeuġha. Xi ġralu, iżda? Mifluġ bil għajja u micdud bil għali, ntelak, nxteħet fl'art, u jibchi u igħanni, bèda isemmi il Marta ta kalbu. Chien tah ferħ ta genn.

Bilġri, l'oħrajn refgħugħ fuk iż-żuiemel u imnicctin iżjed minn kàbel, telku lejn il Castell.

In-nies li rauhom, malajr fehmu xi ġralu Bennard, u għeleu m'hux ftit għalih, u in-nichet tagħhom ma suielux għajr biex iżjed cattar il killa għall Ħalil, illi f'dic il għodua chellu jidher kuddiem il ġurati u l'imħallfin biex jaktgħulu il ħakk.

Imxerda, għaldakstant, il biċċa ta Bennard u ta bintu Marta mal belt collha, in-nies bdiet tinġàbar maduar il Korti, u colħadd mimli bil corla u il killa għa't-Toroc, ħaduha ma Ħalil, u dan chellu iħallas il laħam ta collox, għâd li tasseu ħati, u katgħuhielu l'imut imgħallak.

Tlet ijiem sħâħ dâm Ħalil jittenna il meut, u dan iż-żmien tauhulu sabiex jilħak jitlob maħfra l'Alla u jisogħbih ta ħtijietu. Iżda, x'uitieh dan iż-żmien, ħlief biex actar xiegħel il killa tiegħu contra Alla u 'l Għaudxin! L'iblaħ katagħ jiesu mill ħniena ta Alla, żeblaħ il kassis, li b'imħabba cbira għamel ħiltu col-lha biex jiġbdu għall ħdân il Cnisja, u jitlob ħniena

l'Alla. Imma, Ħalil uebbes kalbu u fost cliem uaħxi, mjet mdendel.

Mîn chellu igħidlu li minn Skallija tiegħu, uara li gèra u baħħar tant ma 't-Toroc, chellu jispiċċa ħajjtu b'dic l'imgieba?

Puh! chemm hu iblaħ il bniedem li ma jatix uiden għa's-sejjħa t'Alla, li tant iħobbna, tant jagħmel magħna, għalchemm xejn ma jistħokkilna, għalchemm nonksuh ta sicuit! Fejn katt nstemgħet ħniena bħal din! Ħalil giè midfun f'għalka hemm taħt it-trâb, mingħajr kàbru m'hu imħenni b'dac is-Sinjal li igħarraf il Fidua tagħna, il kauua ta Cristu fuk il meut.

Oh, chemm hi tħennija cbira għall insara, li x'ħin donnu colħadd telku il maħbub il mejjet taħt it-trâb, dan iħallilu miegħu bħal għassa lejl u nhar is-Salib imkaddes, li fuk il ftit trâb li igħattih, jibka isabbar dac il loc, li fuku inxtered tant dmugħ; u fost ir-ruiefen tal lejl u il bnazzi ta 'n-nhar, jibka dejjem għassa ta mîn bla mistħija ta xejn icun stkarr li hu bin Cristu, uakt li il friegħi tiegħu, dac is-Salib, jixħtu id-dell fuk il midfun! *Ave Crux, spes unica nostra.*

---

## IX.

### Lejn Barbarija.

"Ismael, chif sbaħt fuk dauc il ħamsin dakka saut bil chif, ta Selim? X'jidhirlec, eh, minn dac il chelb-maklub?"

"Iħallashieli kares, bin Mustafà; ma nafx meta, iva, imma iħallashieli!"

"Ħejji ruħec, mela, Ismael ta kalbi, u nifthiemu issa minn għalina chif sejjra tgħaddi il biċċa tiegħu".

"Iħallashieli; chif u meta, xorta għalija!"

"Le, ħabib, aħjar uieħed jagħmel il ħuejjeġ bil għakal u m'hux le chif giè giè. Daun m'humiex ħuejjeġ li tagħmilhom fixx fixx; iridu il ħsieb, u ħsieb li jieħu iż-żmien. Għax, nidħaddtu ftit; tixtiek jakau tarġa idduku dac is-saut, għid, jeu tixtiek tmut? Naħseb li le. Mela, tasseu li jaħtegilna naħsbuha tajjeb kabel xejn nagħmluha. Imbagħd, inti tâf ma mîn għandna x'naksmu; ma mîn tant iħobb ir-Rajjes Dragut. Côs, kiegħed ngħid f'kalbi, chemm hu ħlejju da 'r-Rajjes tagħna! Ma jistax jara ġaüri maklûb li ma jissaħħarx għall urajh, basta jagħraf imurlu."

"Ara chif titħaddet, bin Mustafà, għax ma tafx mîn jisimgħec! Ftacar li il ħajt għandu uidnu!"

"Jismagħna mîn irid, dment li bakagħli rasi fuk spallejja, nitħallas kares minn dac il chelb ta Selim. Ah, nixtieku f'idejja bħal issa! Chif cont nagħmlu!"

"Hecc le ma niftiehmu; jecc ma tridnix inuarrab u immur, għidli dac li għandec tgħidli bla ma tokogħd tisħon għalxejn!"

"X'jidhirlec? Għandix biex nissaħħan? Inti, côs, tâf bħali!"

"Nâf, iva, imma is-saħna inħalluha għall ħinha, issa m'hux uakt. Għidli, isa, xi trid?"

"Dac li irrid jien int ucoll tridu, chif diġà għidtli sa mill euuel. Inti u jien, mela, jaħtigilna li naħdmu mn'issa biex narau chif jista jirnexxilna naktgħuha xeukitna. Ismael, lilec nafec tajjeb u għalhecc nagħraf biżżejjed sa fejn tuassal il ħila u l'għakal li bih żejjnec il cbir Nabi tagħna Maumettu. Lili, dac li għandec int, ma jonkosnix, tafni daks chemm jien nâf lilec. X'jonkos, mela? Li narau meta sejjer jisbaħ dac

il jum li fih nuru chif għandna nitħallsu mill għedeuua tagħna. Għalic, mela, Ismael; għażel dan il jum! Jien, għalija ma insibx aħjar, ħlief li nuru ruieħna ħbieb ma Selim, nduru miegħu, nakdugħ f'collox sa chemm naslu l'art. Hemm ntuh dakka t'îd f'il-lsiera tiegħu, ngħassulu tajjeb, inuarrbuh minn nies, u mbagħd..."

"Maħsuba ta ragel, bin Mustafà! Iscot, iscot, gejj xiħadd."

Nstamagħ ħoss ta mìxi.

"Offja għalicom! Mel'intom haun? Jakau kegħdin tnixxfu il ġrieħi għall għajn il kàmar? Mûr obsor li sejjer nsibcom haun!" kalilhom dac li uasal issa.

It-tnejn, għall daun il cliem ta tmakdir riedu jitħallsu dlonc minnu, u mîn jâf x'għadda minn għala kalbhom dac il ħin! Daħħlu denbhom bejn sakajhom bħal chelb il mismut, u:

"Merħba bic, għażiż Selim!" daħaclu Ismael.

"U Maumettu jiekaf miegħec!" issocta minnufih bin Mustafà.

Selim katt li katt ma chien jistenna tislimjiet bħal daun, u mnixxef bil għageb għall din il ħelua lakgħa, ħass rùħu staħa għax daħlilhom b'dic l'imgieba. Dan għadda minn għalih bħal leħħa ta berka. Mingħajr, iżda, ebda xejn ma 'ttiesef jeu stagħġeb, kalilhom:

"Sirtu ġaùrin, jakau? Dauc biss jagħmlu chif għamiltu issa intom; dauc li jaħfru il mîn jaħkarhom!"

"Ġaùrin katt; iżda, għelejna fuk li nkasnjec l'aħħar darba, u chien ħakkna actar minn dauc il ħamsin saut, billi fil uakt, ueġġajnielu kalbu lil cbir profeta tagħna li tant ħadem biex jara il colħadd jiemmen tasseu, u għalhecc jieħu gost cbir meta xi ġaùri iħalli il għama illi fih jinsâb u jakleb għa'd-dîn tiegħu.

Meta lilec, mela, għidna dauc il cliem li bih ueġġajnic, fli stess uakt ueġġajna in-Nabi Maumettu. Oh, aħfrilna, aħfrilna! Chien ix-xitan tlet darbjiet imħaġġar minn Allaħ li ġagħalna ngħidu hecc. Aħfrilna!" kalulu Ismael u bin Mustafà uakt li f'kalbhom chienu igħidu li jitħallsu minnu bil meut.

" Chif, imma, nista nemmincom li għidtuli is-seuua? " kalilhom Selim.

" Billi nitilku ruieħna f'idejc u int issibna miegħec f'dac collu li tridna; aħna collna tiegħec, agħmel bîna li trid. Jecc tmissna xiħaġa żgħira m'ir-rsiera, ma 'rridu xejn, lilna ma jistħokkilna xejn actar fuk li nkasnjec."

" Issa togħġbuni; issa mxejtu ta rgiel miegħi."

" Icun imbierec Selim, li nieżel minn nisel li għalchemm ġaüri, il cbir profeta għanih b'għerf u dehen bħal ulied tiegħu. Tcun imfaħħar, Selim, li fost ħutec għaraft il Maumettu bħala ħabbâr t'Allaħ."

Selim, issa, inkabad tajjeb f'in-nassa; għalchemm sargu xiħ, mar emmen sa għarkubu colma ħarrfulu dauc, għax katt ma ħaseb li fost it-Toroc, li għalih collha ħmir, chien jinsâb mîn chellu il ħîla idaħħlu f'ix-xcora. Mimli, għall dakstant, b'ir-riħ li dauc nefħulu, biddel iż-żuffjett li bih bèda, fi cliem ta ndiema, u kabad igħidilhom:

" M'hux jien cont li sauuattcom; iżda, chien Allaħ li għamel ħakk minncom, għax ridtu tiddieħcn b'mîn għarfu u ħalla għalih id-dîn ta Ixa bin Miriam u ngibed għall urajh. Issa, iżda, li għaraftu il ħtija tagħcom, jien naħfrilcom, u ninsa bħallichiecu ma chienx xejn milli għadda."

Haun intasab magenbhom; u bħallichiecu tasseu

ma chien xejn li għadda, bakagħ jitħaddet magħhom. Uara ftit li Selim iddauuar magenbhom, nstamagħ leħen ħelu minn taħt il-lsien, għàna ta suied il kalb, bħall meta l'usinjol, f'is-schiet ta 'l-lejl, uara li icun tilef is-sieħba, uaħdu fil ħemda ifittex li jitfarraġ b'is-sabieħ għàna ta 'l-lsienu.

Kagħdu jissemmgħu:

F'kiegħ ta ħabs inħoss li kalbi,
Fost ir-ruiefen minn ta 'l-lejl,
Fl'iċchen ħofra lilha għalku
B'għali cbir li hu bla chejl.

Haun f'is-schiet u 'l uaħx tal bìża
F'dan id-dlam tilfet is-sabar,
U il ħajja già mitmuma
Fìs kisitha geuua il kabar.

Xorti chiefra lilha messet ;
Għax fl'aħjar minn ta żogħżitha
Bl'acbar herra lilha ħasdu
U malajr kerdu il sbuħitha.

Ah, jaħasra chemm imdejjka
Bħal dell isued hi tinsab !
Xejn ma jonkos lil imsejcna
Ħlief igħattieha ftit ta 't-trab.

" Din il-lsira tiegħec, Selim ! "

" Trid titfarraġ, imsejcna !... Okogħd, okogħd ħalli nisma ! "

Dan il uakt lil Xmuni tagħna
Chemm haun ridtu jiena chiecu,
Ħalli beusa lilha jati :
Hena u serħ lilha nixtieku.

---

## X.

### U Ġuseppi fejn bakagħ?

Chienet tasseu Marta, dic li semgħu tgħanni, Selim, bîn Mustafà u Ismael, għax dac inhar, actar imdejjka u kalbha seuda minn haun il-lejl, nfexxet tcanta biex tfarraġ ftit kalbha, jeu talankas tistrieħ m'id-duejjak tagħha. Imsejcna Marta! Chienet diġà bdiet tħoss il puieni tal jasar.

Uenzu, żeugħa, xejn ankas mġarrab minnha, chien isabbarha mill aħjar li jista; ifaccarha fil Passioni u 'l Meut ta Geżù u f'id-Duejjak ta Maria, u hi tasseu chienet titfarraġ meta tisma fuk it-tbatijiet tagħhom imħabba fina.

"Ah, jaħasra!" chienet sicuit tmur ittenni u tgħid; "Geżù, icolloc ħniena minn'na! Maria, ftacar fina! Daun il puieni tagħna, fejn tagħcom, m'huma xejn; iżda, oh, chemm bosta chiefra mingħajr it-thennija tagħcom!"

F'daun id-duejjak, mela, imfarrgin biss b'it-tifchira ta Geżù u Maria, għaddeuha sa ma uaslu f'Barbarija. Iżda, haun, chien jistennihom nichet acbar. Chellhom l'imsejcnin jiġu mifrudin mill maħbub tagħhom Ġuseppi, u mîn jâf hux għala dejjem.

Sebħet fl'aħħar dic il ġurnata, uara tant tbatija, li fiha dehret mill bogħod l'art li fukha chellhom jinżlu. Marta chienet ratha dic l'art chemm il darba fil ħolm; f'daun il ħsebijiet tal fantasija, hija chienet ratha b'ħafna żieda, nukkas, taħuid ta moħħa, u issa kegħda taraha chif inhi bi ħġarha. Oh, imsejcna, chif sabet ruħha dac il ħin! Mîn chellu igħidilha!

Il gifen chien għâdu ma resakx l'art, x'ħin kud-

diemhom deher Selim b'it-tnejn l'oħra miegħu, u collu ħleuua kalilhom biex jaħsbu jinżlu minn fuk il gifen, u imorru miegħu chif chienu ftiehmu. B'ir-riħ fil kàla, il gifen uasal fejn chellu jasal, u fost l'għajjât, mill art u 'l baħar, ta xìri, beigħ, talb u ferħ, bèda mîn nieżel u mîn tiela.

Marta, binha u żeuġha, mixjin taħt għainejn Ismael, ma ntebħu xejn b'dac li chien jiġri ftit l'hinn minnhom; Cola ta Paulu chien sejjer jieħodha ġmielu ma Selim, biex iuellilu ir-rsiera tiegħu; iżda, Selim ma ried jisma l'ibiegħhomlu. Uara ħafna taħbit u ġlied, Cola, meta ra' li ma jista jagħmel xejn ma Selim, b'telfa cbira ta'd-demm, stkarlu, actarx mingħajr ma ried, li għâd joħodhom minn taħt idejh. F'dac il uakt, Ismael u bin Mustafà, tgħammżu, uakt li minn taħt dauc ix-xuftejn suued tuta, tfattxau żeuġ fillieri snien, bojjod daks il lift.

Ma 'r-rsiera, bħal leħħa ta berka, Marta dehrilha li lemħet lil ħuha Xmuni. Chien Xmuni tasseu? Chienet rât seuua?

Cola ta Paulu, uara dagħdiegħa bħal dic, ma chellux sabar li jibka iżjed fuk il gifen, żamm taħt għainejh tajjeb lil Selim u 'r-rsiera tiegħu, mèxa urajhom u ma rħihomx ħin uieħed. Selim ma ntebaħx bl'għassa li chien għamillu Cola.

It-tlet Toroc bakgħu sejjrin b'ir-rsiera magħhom taħt is-siġar, hena u għaxka tal campanja, u chif tbegħdu katigħ m'id-djar, Ismael u bin Mustafà, iħebbu għall Selim chif chienu ftehmu, iduru għalih, u ittnejn, fost it-tmakdir u id-daħc, xeħtuh taħthom u sautuh bla ħniena, serkulu il-lsiera, u bilġri telkulha lejn is-sûk tal beigħ.

Haun chienet għaddejja xêna ta kîsm il kalb. Rgiel, nisa, tfâl, nofshom għerieuen, itertru bil ġugħ; bìchi, għajjât ta beigħ, ċakciek ta suat; uċuħ bojjod u suued, il-lbies ta coll għamla, ta coll leun; tghergir, tislim, dagħa, ħars, gìri, taħbit ma xulxin.

Fost dan it-taħbit collu, Cola ta Paulu, b'ħafna tkanżieħ chien kiegħed jiccorda biex jixtri, minn għand Ismael u sieħbu, il-lsiera li chellhom. L'imsejchen, iżda, ma chellux biżżejjed biex ilaħħak għall fidua ta 't-tliet Għaudxin. X'jagħmel għaldakstant? Jitlak u iħalli collox? Le, ma chienx jakbel. Chif sa ichissibha, mela? Arau x'għamel! Jiftacar f'iż-żeuġ ilsiera grieghi li chellu; iżîd daun mal flûs li talbuh għal 'lsiera Għaudxin, u hecc giebha f'tiegħu. Il bìdla, mela, chellha issir chif hu jati il-lsiera tiegħu.

Jerħilha, għalhecc, minnufih għall fuk il gifen fejn chienu daun, bil ħsieb ucoll li jieħles lil Xmuni, billi għamilha f'rasu li jitlak għall collox it-Toroc u li ġfjen. Hua u sejjer, gietu chif għandu jagħmel. Jasal bla nifs, jibda biex ifittex il-lsiera tiegħu, iħollhom minn fejn chienu, isemmîlhom bil ħsieb ta moħħu, u uegħdhom li jieħlishom mill jasar jecc igħinuh f'dac li iridhom. Dauc ferħu u kalulu li jakdugħ f'colma irid minnhom.

Alla ried b'is-seuua. Fuk il gifen, ftit nies chien għâd bakagħ jecc tgħodd il għases, il bkija chienu niżlu l'art b'kalbhom kauuija li ma icunux jinħtieġuhom, għaliex chienu fl'art tagħhom. Cola ħabàtlu tajjeb. Halla uieħed mill 'lsiera tiegħu fuk il gifen għalli jista icun, u l'ieħor niżżlu miegħu. L'għassies t'isfel, inzerta bniedem għażżjen, u ta bla ħîla. Dan, Cola chien jafu; iħebb għalih, jixħtu fl'art, isoddlu

ħalku b'mactur, ineżżagħlu ħuejjġu, iħoll lil Xmuni mill marbat tiegħu, jiġagħlu jinża ħuejjġu u ilibbishom lil għassies, rabtu minn flocu, u il Xmuni tah jilbes tiegħu. Xmuni xiddhom malajr, għâd li chienu maħmuġa għall aħħar, u it-tlieta flimchien ħarġu minn hemm, telgħu fuk, stenneu il dac tal għassa idauuar uiċċu biex ma jindunax bihom, sejjħu lil seħibhom, u Alla ibierec niżlu minn fuk il gifen mingħajr ħadd ma ntebaħ bil bìdla.

Iżda, kalb Xmuni chienet ittaktak bil bìża. U chellu mniex. Ħażin għalih u għall oħrajn chiecu katt jinkabdu! Chienu iħallsuha bla ħniena; iżda, xortihom għenithom.

" Fittxu isau," kalilhom Cola huma u sejjrin; " coll ħin għalina, bħal issa jisuielna ħajjitna. Isau, mela, isau, kabel xejn jittendu bina."

" Doru, għidli ħaġa," staksih Cola lil uieħed minn dauc iż-żeuġ Grieghi, " xi chemm chien ìlu hemm dac tal għassa li rbatna? x'ħin tbiddlet il għassa? "

" Ma 's-sebħ," uieġbu dan. " Chien għâd bakagħlu jagħmel maduar it-tlet cuarti jeu dic in-nofs siegħa oħra."

" Ħaffu, mela, l'aħua, żmien m'għandniex; għamlu il ħìla, Doru u Ġanni; ftacru li jien kiegħed nitħabat għalicom ucoll; iżda, kabel xejn, jaħtiegilcom tatuni dakka t'ìd f'din il biċċa li daħħaltcom fiha. Isimgħu: arau mîn minncom sejjer imur fejn Ismael u bin Mustafà, igħidilhom jiġu haun taħt daun is-siġar u igibu il-lsiera magħhom."

" Jiena immur! " uieġbugħ it-tnejn flimchien.

" It-tnejn ma jistagħx icun; uieħed minncom irridu jibka haun. Ħalli, mela, imur Doru; għalic xorta,

Ġann; jaħbat aħjar għalina li int tibka haun. Isa mur, int, mela, Dôr; u jecc igħidulec għaliex ma mortx jien, għidilhom li x'ħin jiġu, ngħidilhom."

Doru, ħafif bħal għasfur, malajr ferak siġar u triekat, u għâb minn kuddiemhom. Mâr u sâb lil Ismael u lil sieħbu, kalilhom dac collu li kallu Cola, u flimchien magħhom râġa l'ura, fejn chienu jistenneuhom l'oħrajn.

Chif uaslu ħdejhom, Ġanni minnufih jaħfen minn uara l'Ismael, irosslu idejh tajjeb ma dahru, u Xmuni rabathomlu bil chif. Hecc ucoll għamel Cola lil bîn Mustafà.

Iżda, il-lsiera li daun giebu magħhom chienu tnejn biss, Uenzu u Marta. Daun, għainejhom collha dmugħ, ma setgħux jifhmu x'ġàra. U Ġuseppi fejn bakagħ?

---

XI.

## Ghand Zulejka.

Collu żejjed, jidhirli, li nokgħod insemmi fuk il ferħ li ħasseu dauna collha uara lakgħa bħal dic ta bla ħsieb; uieħed jista jistħajjlu. Iżda, f'id-dinja m'haun l'ebda ferħ mingħajr imrâr, u dan ucoll jista uieħed jarah f'daun il ħbieb tagħna; malajr jiġi fiha chif f'dac il ħin tal ferħ b'xulxin, chienu collha mgħollijin billi magħhom ma chienx hemm l'egħżeż fost colħadd, Ġuseppi.

Chellhom tasseu il għaliex jagħlu.

Uara xi żeuġ beusjiet misruka bla telf ta żmien lil xulxin, Cola ried il colħadd jimxi għall urajh, iżjed il geuua, biex ifittxu jitbegħdu minn hemm, billi bàża

li ifittxuhom għall meut uara dac li għamlu. Ilcoll semgħu cliemu u telkulha għall urajh; u sachemm tbegħdu seuua, ħadd ma kâl chelma, biss x'ħin ħarġu barra it-tîr, Cola staksa il Uenzu ifissirlu x'sâr minn Ġuseppi, billi chien rah magħhom meta mar jiccorda ma Ismael u sieħbu fuk ix-xìri ta Uenzu u martu.

Uenzu, b'id-dmugħ f'għainejh, kabad biex igħidlu: "Sachemm int cont mort iggib minn fuk li ġfjen il Doru u il Ġanni, resak uieħed Torc fukna; u hecc chif ra il Ġuseppi, tħajjar għalih, ftiehem magħhom chemm iridu tiegħu u ħadu. Għall xejn tlabnihom, jien u Marta, bil ħniena biex ma ibiegħuhx għaliex ġà mibjugħ, għall xejn bchejna u tħabatna, collox sfagħlna għall xejn, għax it-tnejn moħħhom biss li jiddubbau iżjed fih: u telkuhulu."

"Tafu inti il dac li xtrah?" chisirlu cliemu Cola.

"Għax tistaksini?... Fejn tridni nafu?..."

"Ara nsejt! Tlift moħħi, x'ħin ma rajtx il bincom magħcom. Iżda, la taktgħux jiescom! Mîn jâf..."

"Mîn jâf tgħid chiecu tmur tistaksi lilhom?!" kabeż Ġanni.

"Iva, narau. Intcom stenneuni haun, u jien immur nara nilħakhomx fejn ħallejnihom. Ġanni jigi miegħi, Doru jibka magħcom."

Il ħbieb tagħna, flimchien ma Xmun u Doru, kagħdu fejn kalilhom Cola, u hu u Ġanni irħeulha ifittxu lil Ismael u Bin Mustafà biex jistaksuhom il mîn biegħuh il Ġuseppi.

Actarx jiġru jeu jimxu, uara nofs siegħa laħku mnejn chienu telku kàbel ma ħalleu il bejiegħa toroc; iżda, xi sibu? Ir-rjus Bin Mustafà u Ismael maktugħin

tħennija minn fomm uaħda Torca, u minn dac il ħin bdiet ittalla u tnižžel jecc għandhiex tistaksiha hix Torca tasseu. Iżda, il-lejl chien daħal ġmielu, mteddeu fuk il kiegħa u rakdu.

---

## XII.

## Tgħid, mîn hi ?

Fejn giè jafha il Zulejka, dan Cola ta Paulu ?

Cola chienu serkuh it-Toroc fi tfulitu mingħajr ħadd ma jâf chif, minn Għaudex, biegħugħ lil uaħda Torca li magħha chienet Zulejka, u lilha telkugħ biex tgħallmu u tieħu ħsiebu. Għadda iż-żmien, u sidt Zulejka mietet. Zulejka dabbret rasha għall band'oħra, kabdet iż-żgħir Cola u bakgħet sejjra għall għonk it-triek sa uaslet fuk xatt il baħar. Hemm f'is-schiet chienet titfarraġ b'iż-żgħajjar Cola f'in-nichet tagħha, tifraħ bih u iżżokku sa bèda jitfarfar. Meta chiber, Cola ried jitlakha, m'hux għax xàba minnha, iżda iddejjak ma jagħmel xejn. Zulejka, minn għaliha, ma rieditux jitlak u iħalliha uħidha. Iżda, Cola, daks chemm talabha, dic telkitlu imur.

Għodua uaħda, uakt li it-tnejn chienu jiġbru xi ħatab minn taħt is-siġar, Cola, b'inchejja fih, kabad igħidilha :

" Zulejka ta kalbi, għaliex ma tridnix immur ? "

" Għax uisk nibża li tmur u ma tiginix."

" Le... lilec ma ninsiec katt li katt, talli għamilt miegħi."

" Tuegħidni l'iżżomm chelmtec ? "

" Għaliex tistaksihuli dan ? Mela ma tafnix ? Tista, jakau, titħasseb minni ? " uegibha micdud Cola.

"U le, fejn sejjer b'rasec! m'hux għalhecc għidtlec hecc; iżda, għax int għadec tfâl, ma tâf xejn x'fiha id-dinja. Ftacar ftit x'sejjer tagħmel! b'dan biss inħallic. Cûn tifel tajjeb ma colħadd, gîb ruhec seuua mal cbar u iż-żgħar. Colfejn tcun, nitolboc li tiftacar f'din Zulejka li rabbietec u dejjem ħabbitec. Għâd tigi u ma 'ssibnix, u mita dan igħaddi minn għalic, tniehed tnehida fuk kàbri u minn fommoc ibgħat talba lejn is-Sèma għall din Zulejka. Issa tista tmur; din hi it-tifchira li nħallilec."

Daks gimgħa uara dan, Cola, b'id-dmugħ f'għainejh ħalla il għarix ta Zulejka, irħielha lejn il belt u talab jingaġġa fuk li ġfjen. Baħħar fukhom mîn jâf chemm, iżda katt ma issara mal insara.

Lejla uaħda, uakt li ix-xîni li fuku nzerta, chien sejjer jixxejjer l'haun u l'hinn mal meuġ, filli għoddu ser jaħbat mal art, filli jerġa jitbiegħed, dlam u xìta kauuija u il baħar dejjem jogħla u colħadd kalbu maktugħa, Cola kabad it-tmun u għalchemm ftit jinkàla għall dan ix-xogħol, bil ħîla tiegħu ħeles ix-xîni mill blât, daħħlu b'it-tbatija għa'r-rdoss u ħeles mill meut iċ-ċorma collha. Dragut samagħ biha din ta Cola, u biex jurih li jafulu, tah dauc iż-żeuġ ilsiera grieghi, Doru u Ġanni, li intcom issa tafuhom. Cola, iżda, għalchemm chien icun mbiegħed minn Zulejka, coll meta jinżlu f'dic l'art, chien dejjem imur isibha u jieħdilha xiħaġa għall kalbha chif chien jifhem hu.

Din id-darba, iżda, li nsâb għandha ma dauc in-nies collha, għall għarrieda, Zulejka ferħet uisk, l'actar x'ħin giet tâf chif Cola għamel biex ħeles mill jasar il dauc il ħbieb tiegħu u fuk collox talli ħeles il Marta. U côs, għax tgħid! Billi Marta màra bħalha, dħulija,

sabieħa u minn tagħna, chienet niżlitilha lil Żulejka. Bdiet tħobbha chif ratha, u sicuit tistaksiha x'għadda minn għaliha u erħilha tfarraġha. Minnufih drau il xulxin u bdeu jinħabbu b'imħabba cbira.

Actar ma igħaddi iż-żmien, Marta tixtiek tcun tâf mîn hi din Zulejka. Biex tistaksi lilha, chienet tigieha tkila; u għalchemm f'it-taħdit magħha chienet iżżerżak xi chelma fuk hecc, it-tuegibjiet ta Zulejka chienu actarx ftit u xejn fiergħa. Fl'aħħar daħħlitha f'moħħa li tistaksi lil Cola.

" Għidli, Côl, mîn hi din Zulejka li aħna kegħdin magħha ? "

" Għaliex trid tâf, Mart ? " uiegibha.

" Għalxejn. Imma, xtakt ncun nâf il ġrajja tagħha : daks chemm sirt inħobbha ! "

" Togħġobni, Mart, li inti tħobbha il Zulejka ; iżda, biex ngħidlec il ġrajja tagħha collha, niġbed f'it-tûl bosta."

" Għidhomli fi ftit cliem, Côl. "

" Imma, int xi trid tcun tâf l'actar fuk Zulejka ? " staksiha.

" Li trid ; dac li jogħġboc."

" Chif, l'irrid ? staksini ! "

" Għidli, mela, hix nisranija ? "

" Nisranija u ngħid, u nisranija ta bilħakk. Nìsa tajba daksha, ftit tiltaka' magħhom. Nistħajjlec mill cliem tagħha ntbaħt li hi nisranija."

" Iva, u għalhecc, Côl, biex tridni ngħidlec, kegħda nistaksic. Ismagħ : chienet hecc mill euuel, jeu hix Torca mgħammda ? "

" Zulejka bint l'insara."

" Chif inhi, mela, magħduda b'Torca ? "

" Igħidulha Torca, m'hux għax Torca la m'id-demm ankas minn dînha; iżda, għax billi tista tgħid minn tfulitha imrobbiha ma 't-Toroc u m'hix magħrufa b'nisranija, ħarġuhielha *it-Torca.*"

" Issa fhimt. Mela, l'isem biss għandha ta Torca ? "

" U xejn actar ! "

" U x'inhu l'isem tagħha ? "

" Maria. "

" Maria ! ? "

---

XIII.

## Ghali u farag'.

Uara din it-taħdita ma Cola, Marta chellha seba' mitt sèna sa jisbaħ u tmur issîb il Zulejka u tifirħilha b'dac li saret tâf fukha. Għaddiet, mela, il-lejl collu titkalleb; u l'għâda, chif sebaħ, taret għall għand Zulejka biex tgħannakha, u :

" Marì," kaltilha, " chemm hu sbejjaħ dana ismec ! Chemm ifaccarni fi ħuejjeġ bogħod ! "

" Fejn tâf li jisimni Maria ? Mîn kallec ? " ħasditha Zulejka titbissem.

" Nâf, nâf b'collox, għâd l'int ma urejtni b'xejn ! "

" Mîn kallec, Mart ? "

" Ħlomt ! "

" U tgħid ħlomt ? "

" Gie għasfur igħidli ! "

" Fhimtec... L'għasfur jismu Cola. Għidli le ? "

Maria ma uieġbitx, iżda :

" Għaliex, Marì, ma għidtlix minn kabel l'int jismec hecc ? Għaliex bżajt minni ? "

" U issa billi chiecu għidtlec ?..."

F'is-siegħa u 'l ħin, jidħol fukhom għall għarrieda Xmuni, ħu Marta :

" Xmûn, x'inkala' dal għodu ? "

" Xejn ! Gejt ngħidlec li jien sa noħroġ ma Cola u Ġanni, immorru narau nsibux il Ġuseppi. Bi ħsiebna nidħlu sa 'l belt, nistaksu għalih, u narau x'nistgħu nagħmlu."

" Arau x'ser tagħmlu, kisuha tajjeb... U jecc jagħarfucom ? "

Kaltilhom hecc m'hux għax chiecu hi ma ridithomx ifittxu il Ġuseppi ; iżda, hi chienet tħobbhom uisk il Cola, il ħuha, u il Ġanni u fuk hecc ma riditx għa'ddinja jintilfu huma ucoll.

" Ma naħsibx li sejjrin jagħarfuna ! " uiegeb Xmuni. " Sejjrin nilbsu ta mercanti għarab ; u billi nzertajna it-tlieta nafu dan il-lsien, m'hux la chemm jagħarfuna."

" Daks chemm nixtiekcom, jaħasra, issibuhuli il Ġuseppi tiegħi... " U nfexxet tibchi. " Ftacru, li hemm Selim li dejjem b'seba' għainejn fukcom."

" La tiddejjakx għalina, Mart ; Alla l'imbierec itina l'għajnuna."

Marta u ħuha ħarġu ma Zulejka u marru flimchien fejn Cola u Ġanni, mehdijin f'dac li sa jieħdu magħhom għall maura. Xmuni compla magħhom ; Zulejka u Marta uiddbuhom mill aħjar li setgħu u dlonc telku. Marta u Zulejka bakgħu iuassluhom b'ħârsa tal ħniena sa għâbu.

" Li cont nista, mort magħhom ! " kalet Marta lil Zulejka, mita nġàbru fil għarix.

" Fejn trid tmur, mara uaħdec, ma dauc irgiel, mingħajr ma tâf drauujiet it-Toroc ! Chif contu tirfsu il belt, chienu jagħrfuc, u mbagħd ?..."

" Dan ħsibtu, l'għalhecc ma rsistejtx biex immur magħhom. Għalchemm, iżda, ma ninkalax... jaħasra, għall Ġuseppi tiegħi, cont nagħmel collox; imma, ma ridtx li ngħarrak ucoll il dauc li marru." U reġgħet nfexxet tibchi, u Zulejka għamlet colma setgħet biex chiecu issabbarha.

Oh, x'kauua ta mħabba hi dic tal omm ! Mîn jista ikisha ? Alla kiegħed f'kalbha l'akua imħabba cbira għall uliedha; l'akua tbatijiet ma jifirduhiex minnhom u le ma jitfu dauc in-nirjien li fiha tchebbsu għalihom. Arauha chif sa mill bìdu ta 't-tuelid ta iben sal aħħar nifs ta ħajjtu, dejjem, bla katt ma tehda, iddur, tbati u tinchedd biex ma tarahx lilu ibati. U x'ma tarax, mbagħd, jecc binha ma icunx għall kalbha ? X'ma tagħmilx biex tiġbdu fejn trid ?

Jecc chiecu uieħed jagħraf seuua l'imħabba ta ommu, katt li katt ma iueġġagħlha kalbha, għax jecc chiecu ma chienx hemm mîn iuissih iħobb l'ommu, din l'imħabba biss tagħha lejh chienet tcun biżżejjed biex tiġbdu lejha.

Daks chemm hi tagħmel għall uliedha, l'omm nisranija, uara li tcun tathom l'akua gîd ta'd-dinja li tista ittihom, tnisslilhom f'kalbhom l'imħabba ta Geżù, iddur bihom, tinducrahom m'it-tiġrib... Coll meta nismagħ l'isem t'ommi, kalbi tissaħħar u nħossha dejjem actar tingibed lejha.

Uiċċ is-sèma chien ichal daks in-nîr bla ebda sħaba; ix-xemx tiddi u tferraħ id-daul tagħha fuk is-siġar iħaddru, u tilma ma coll żiffa riħ ; il baħar bnazzi żejt, collox igħaxxkec. Zulejka ħajjret lil Marta u il Uenzu joħorġu sa xatt il baħar.

Marta ħadet ir-ruħ; u Zulejka ntebħet b'dic il bidla f'Marta; u kaltilha :

" Mart, intix tistejker? M'hux la chemm, tâf, uieħed jinzerta jum bħal dan! Chemm hu bnazzi, hux? X'jidhirlec?"

" Il għodua sabieħa uisk, bħalma ked tgħid ; iżda, jien m'hux la chemm nistejker."

" Il għaliex, Mart?

" Għalija bħallichiecu l'ajru mkalleb, ir-ruiefen, il berak u ir-ragħad. Din kalbi ma tridx titfarraġ mingħajr ibni... Għalija ma hemmx sabar mchien!"

" X'jidhirlec, Uenz, minn Marta tiegħec?" daret Zulejka lejh u kaltlu.

" X'għandi ngħidlec Zulejka! Magħha ngħid jien ; iżda, hi tagħmilha bi cbira uisk! Takta kalbha uisk malajr!"

" Issa billi inti ma taktax kalbec, sejjrin nsibuh lil ibna?" uieġbet hi tolfok.

" Mîn kallec, Marta ta kalbi, mîn kallec li ma nsibuhx il Ġuseppi tagħna? Collox jasal, Mart! Għandna magħna il Cola u il oħrajn, daun kegħdin jagħmlu għalina dac li ma stajniex nagħmlu aħna. Għax tiddejjak dakshecc?"

" Hej, Mart," kabżet haun Zulejka, " neħħi daun il buri. Nistħajjel ma ncunux usalna id-dâr, narau gejj il Doru jatina l'aħbâr li Ġuseppi kiegħed jistenniena flimchien ma Cola u sħabu."

" Għax ma chienx, jaħasra! Imma, dan li għidtli, ma iseħħx!" uieġbet Marta mdejjka.

" Marta, imm'int iżżejjed taktagħ jiesec! M'hux hecc għandu icun! Għandna nittamau f'Alla, nitolbuh jismagħna, u jecc jogħġob Lilu u icun ta gîd l'ir-

ruħ tagħna, Hu jaktagħlna xeukitna. Inti tâf illi mîn jittama f'Alla ma jibkagħx bla sabar!"

"Chemm iħennini cliemec, Zulejka! Daks chemm tâf iggibha, għalchemm ninsâb imniccta u le ma nista nsîb faraġ mchien, daun il cliem tiegħec itaffuli għall bosta mrar li kegħda nħoss; int iġġagħalni dejjem actar ningibed lejc!"

"Daun il cliem, għalchemm kegħda ngħidhomloc jien," issuctat Zulejka, "m'hux le minn żniedi kegħda ngħidhomloc; iżda, għallmuhomli f'żogħriti f'it-tagħlim nisrani. Lil dac Alla li ħalakna u tana Religion hecc sabieħa, lilu cûn âfu u iżżieħajr."

"Iva, Zulejka, cliemec, cliem is-seuua!" tenneulha flimchien Uenzu u Marta.

Dicment chienu korbu lejn il għarix ta Zulejka, u Marta ħassitha ħaffet m'id-duejjak tagħha mħabba fi cliemha; u chif Marta daħlet geuua, marret nxteħtet f'riġlejn Geżù Curcifiss, iżżietuħajr billi ħelisha mill jasar flimchien ma żeuġha u lakkegħtu ma màra hecc tuajjba.

---

## XIV.

## Zulejka talbet għalina.

Hàbta ta 'l-lejl, uara ħafna taħbit u gìri mal belt collha, Cola u sħabu, għajjenin mejjtä, reġgħu l'ura għall għand Zulejka; iżda, ebda aħbâr ma giebu magħhom fuk Ġuseppi. Tchixxfu fuk Selim u Ismael u Bin Mustafà, u saru jafu li Selim giè makbud talli katel lil Ismael u 'l sieħbu, u mingħajr ħniena il Kâdi kàtel lilu ucoll. Dan colma saru jafu mill belt. Għalhecc, dic is-sahra ma għaddhietx bħal dari, iżda

f'in-nichet: mîn igħid xi chelma l'haun u l'hinn, u mîn jitniehed.

L'għâda, Cola ried jarġa, mingħajr ma semmagħ il ħadd, jitilkilha uaħdu lejn il belt, u bakagħ imur żmien tuil, dakka uaħdu, dakka imsieħeb ma Ġanni jeu ma Xmuni, u laħak dâm ma ràġa lejn il għarix tmienja, għaxra, drabi tnax il jum. Fl'aħħar, uara sentejn gìri u tfittxija, katagħ jiesu li isîb il Ġuseppi.

Chienu diġà ilhom għand Zulejka maduar is-sentejn, meta din mardet, inxteħtet f'kiegħ ta sodda, u le ma kamet iżjed. Uara xi ġranet tilfet is-smiegħ, riġlejha ħalleuha għall collox, għainejha bdeu jintfeu ftit ftit; iżda, Zulejka dejjem bakgħet marbuta ma 'r-rieda t'Alla, u fl'aħħar nifs ta ħajjitha riedet tħalli tifchira tagħha il dauc ta maduarha. Zulejka, uara li sabbrithom, għax lemħithom għainejhom collha dmugħ, kaltilhom daun l'aħħar chelmjiet li bakgħu dejjem mictubin fi klubhom:

" Hobbu l'Alla fuk collox, u dac li Hu jitlob minncom kîsu li tagħmluh bil ferħ; ftacru li għâd jasal il jum li fih tithenneu għalli tcunu għamiltu, u il ħlâs icun bosta iżjed minn mija għall coll uieħed li tcunu għamiltu. Jiena sejjra immut u m'inhix sogħbiena milli stajt nagħmel, għax l'Alla jien dejjem ħabbejtu. Intcom, iżda, ftacru fija u katt la tin...seu... il din... Ma...ria...li...tant...ħab...bitcom...Nin...tak...għu... is-sè...ma..."

Dan chien it-testment ta 't-tuajjba Maria, jeu biex niftehmu aħjar, Zulejka, li magħha għaddeu żmien tuil, Cola, Marta, Uenzu u l'oħrajn. U għalhecc intcom tistgħu taħsbu chemm għeleu għaliha din il màra tal ħniena.

Mifnijin bil għâli għall maħbuba Zulejka, ħaffru kàbar f'ir-ràmel għa'd-dell tal palm fil krîb tal għarix tagħha u hemmhecc fost id-dmugħ niżżluha b'kîma li tixrak il mejjtin, talbu l'Alla fuk kabritha il hena ta dejjem għa'r-ruħa, uakkfulha salib magenb is-siġra bħala uirja li hi chienet nisranija u reġgħu nġàbru b'kasma ta kalb li ma titfisserx.

Imsejcna Zulejka! Istrieħ issa dac is-serħ tal kàbar u thenn għala dejjem! Orkod, ja Zulejka, ir-rakda ta 'r-ruieħ it-tajjba, biex tkum sabieħa u ħafifa bħal ħamiema bajda f'Jum il Ħakk! Gismec sejjer jitherra hemm taħt dac it trâb, għax mnissel minnu, iżda ruħec bajda u safja ittajjret għall ħdân Alla, li Lilu ħabbet! Istrieħ, iva, u thenna fil mistrieħ ta dejjem! Għâd jasal il jum li bil għajnuna t'Alla niltakgħu miegħec fil hena li katt ma tintemm!

Daun chienu bejn uieħed u ieħor l'aħħar chelmjiet li bihom nfirdu minnha għala deijem dauc li bcheuha lil Zulejka.

Marta issa, jabni, sabet ruħha imħauuda uisk, uaħda għall għali ta binha u l'oħra għa't-telfjen minn ta Zulejka, u għalhecc, mħabba daun iż-żeuġ ħuejjeġ, ma setgħet issib sabar mchien, bdiet tagħmel f'kalbha, iddejjket għall meut u chellha ħerka cbira li tfittex tuarrab minn dell dac il għarix li issa fuk kalbha għall aħħar.

L'oħrajn, billi armajn il jum collu jiggerreu l'haun u l'hinn għall caccia, għa's-sajd, għa't-tiftix ta Ġusep-pi u dejjem iderru, ma ħasseuhiex daksha il meut ta Zulejka, għax l'imsejcna Marta dejjem taħt is-sakaf u għâd li mehdiha f'it-tisjir u fi ħuejjeġ oħra, colma chienet tara chien ifaccarha f'ħabibitha Zulejka. Minn

xatt il baħar chienet dejjem tgħarrex, tittama tilmaħ xi klugħ fil bgħid...

Tlet snîn sħâħ chienu għaddeu minn meut Zulejka, meta, għodua uaħda, uara gimgħa ruiefen fuk l'art u il baħar, Cola u sħabu, uakt li chienu iduru bħal dari fil campanja biex isibu xi tajra jeu xi annimal tajjeb għall ichel, bi cbir għageb tagħhom, jarau taħt xifer il blât, klugħ ta bastiment jixxejjer l'haun u l'hinn b'ir-riħ li chien għâdu ivenven ġmielu, u il meuġ iħabbat fuku.

Ma nafx ngħid x'ħasbuh għall euuel; iżda, billi Cola imdorri actar mill oħrajn f'dauc l'inħaui, bla ma tbażżagħ xejn, bħalma għamlu sħabu għax ħasbuh xi gifen torc li giè għalihom, ried dlonc imur jitchixxef x'chienet il biċċa.

L'euuel ma għamel, chif korob lejn il bastiment, kabad igħarrex u jissammagħ. Lemaħ ħamsa minn nies sejjrin jitħaddtu ma xulxin b'ħerka cbira, u deherlu li chienu jiftiehmu jarau chif iġanntu il klugħ u irauumu it-tmun u l'imkadef li chien ħadhomlhom il meuġ, biex jitilku mill actar fîs, billi dic l'art ma chienux għarfuha.

Cola, minn chelma tnejn li samagħ, ntebaħ li ma chienux għedeuua; telak għal ħàda sħabu kalilhom bil biċċa u niżżilhom miegħu jatu għajnuna lil dauc innies mitlufä.

Ġreu, mela, flimchien lejn ix-xatt, uaslu krib il bastiment u xejjru idejhom lil dauc ta fuku. Daun, għall euuel ħasbu li sejjrin jakgħu il-lsiera, u minnufih kabdu l'armi u ser jiġbdu fuk in-nies tagħna.

Xmuni dic is-siegħa kabad ichellimhom b'il-lsien ta dic l'art sa ma semgħugħ bla ma iżda setgħu jiftieh-

ħmu. Fl'aħħar, iżda, ħargitlu "F'ħajjêt Alla!" u ta fuk il bastiment kalu bejniethom: "Daun Maltin!"

Bilġri bilġri rau chif għamlu u chissbu u refgħu il dauc il ħamsa li kalbhom maktugħa chienu ħasbu li jintilfu. Ferħu b'xulxin, u in-nies tagħna mbagħd geu jafu li dac chien bastiment mgħobbi bl'imbit sejjer lejn Spanja, meta il burraxca ħacmitu f'nofs ta baħar u tefegħtu fuk f'dauc ix-xtût.

Chienu żeuġ Maltin u tlet Skallin; il bkija ta 'ċ-ċorma, il meuġ ħâdhom minn fuk il cverta u għerku.

Filgħaxija, x'ħin miġburin flimchien colħadd igħid tiegħu, Marta li chienet dejjem tiftacar f'Zulejka, spiċċat biex kalet:

"Zulejka talbet għalina!"

Uara li rauumu mill aħjar li setgħu il bastiment f'dac li chien jinħtieġlu, talbu għall aħħar darba fuk il kabar ta Zulejka, u salpau lejn Malta.

---

## XV.

## Marta tmut fil jasar.

Conn'na semmejnielcom li Ġuseppi chien xtrah uieħed Torc, u li Cola u sħabu chienu tħâbtu bosta biex jarau mîn chien u ma irnexxielhomx, u fl'aħħar katgħu jieshom li isibuh u issa telkulha lejn Malta. Dana it-Torc chien jismu Raitzuli, bniedem għâni u għàdu cbir tal insara. Dana, billi tfâl ma chellux, chien jixtiek uisk ichisseb uieħed u irabbih għall fehma tiegħu. Din xeuktu ma damx ma katagħha.

Chif chien idûr f'is-sûk ta'l-lsiera, u iħares lejn dan u lejn dac, jifli lil colħadd minn fuk s'isfel, ngibed għall ħleuua ta tarbija f'ħeden ommha; u din nzertât

Ġuseppi tagħna. Sabiħ Ġuseppi, u mimli il bût ta Raitzuli; dan xtara it-tarbija, għalchemm bil għali, minn għand Ismael u sieħbu, u ġàbru f'daru.

Ferħan għall aħħar b'it-tarbija, ix-xuejjaħ Raitzuli ħass ruħu bħall ràġa ixxettel, u ma nokogħd nsemmi chemm ħa ħsiebu ic-ċchejchen Ġuseppi.

It-tifel tfarfar, u dàra iħobb il Raitzuli, u għalih missieru. Raitzuli, x'ħin xtrâh, semmieh Aħmed, u Ġuseppi sâr Aħmed bin Raitzuli.

Ic-ċchejchen Aħmed, illi issa chien îlu ma Raitzuli maduar is-sèba snîn, għalih li tuieled torc, il għaliex, jaħasra, mîn katt satagħ isemmilu li hu mgħammed? Imrobbi u mgħallem la torca, bla mċaħħad minn xejn f'dac collu li mehdija ta 't-tfâl, chien igħaddieha tajjeb, għalih collox uard bla xeuc. Mîn chellu katt igħidlu x'chien gejj għalih?

Uara li Marta u l'oħrajn, sèba snîn kabel chienu uaslu Għaudex bla xejn taħbit actar, fuk dac il bastiment tal imgħarrkin, u għaddeu sèba snîn oħra fuk din il gżira ma krabathom u ħbiebhom fil faraġ, is-sèna 1551 niżel Sinam Bâxa b'in-nies tiegħu, u uara kerda cbira li fiha bakgħu maktulin Uenzu missier Ġuseppi, u Xmuni barbtu li chienu tkagħbdu għall giegħ pajjiżhom, Marta flimchien ma Cola u iż-żeuġ Grieghi, Doru u Ġanni, mal Għaudxin collha reġgħu uakgħu, jaħasra, lsiera ta 't-Toroc u ħaduhom fuk ix-xuieni lejn Barbarija. Mîn chellu igħidilhom, meta salpau sèba snîn kabel, li għâd jierġgħu jirfsu fuk dic l'art!

Hemmhecc, ta ilsiera li chienu, geu mifrudin minn xulxin, u Marta ma oħrajn tefgħuha f'kiegħ ta ħabs, li chellu nifs għall triek, u seuseuu f'din it-triek

chienet tinsâb dâr Raitzuli; u Ġuseppi, ma xi tfâl oħra bħalu, marru jittauulu m'id-dakxejn ta tieka li tâti għall geuua il ħabs. Mela, chif lemaħ màra fost l'oħrajn, ma ħass kalbu tingibed lejha? Tasseu li iddemm jiġbed! Dic l'imsejcna màra, chienet ommu! Ġuseppi, kalbu micduda bla ma jâf għaliex, telak lejn dâr Raitzuli, jibchi u jolfok.

" Aħmed, mîn sauutec? " staksih Raitzuli chif rah kuddiemu dic is-sura.

" Ħadd !" uieġbu Ġuseppi; u jolfok.

" Chif, ħadd? Sauutuc u ma tridx tgħidli? "

" Le, missier, ħadd ma sauuatni."

" Ara li sauutec dac il misħut ta Ras Ħafun u ma tridx ticxfu? "

" Le, missier, ma sauuatni ħadd."

" Mela, x'għandec? xejn m'int li dari! "

" Xejn! Xejn!..." u Ġuseppi sejjer jibchi.

" Xiħaġa għandec! Għidli, Aħmed ta kalbi! Tħossoc ħażin? Isa, għidli! "

Aħmed infexx f'bichja, u Raitzuli għainejh bdeu idemmgħu ucoll, għax il Ġuseppi chien iħobbu fuk l'iħobbu.

Fl'aħħar, Aħmed kallu li chien ġralu, u talab lil Raitzuli li jecc irid jarah ħieni bħal kàbel, jixtri il dic il màra li lemaħ il ħabs u igibha magħhom id-dâr. Raitzuli uegħdu minnufih li jixtriha, u Aħmed stejker u għannak il Raitzuli.

Raitzuli, ragel ta chelmtu, ħareġ dic is-siegħa b'ittifel miegħu, u bakagħ sejjer il ħabs, jixtri il màra li semmielu Aħmed. Isibuha mdauura b'ħafna magħha; mîn ibixxilha l'ilma li chien fadal f'kiegħ iż-żîr, mîn isabbarha, u mîn jibchieha!

L'imsejcna Marta chienet lemħet lil Aħmed, u għarfitu b'Ġuseppi tagħha; u bħalma it-tifel ħassu ngibed lejha, hecc hi stħajjlitu binha, u issaħħret għall urajh. U x'ħin ratu telak, ħasset għafsa f'kalbha u uakgħet għaxja fl'art.

Aħmed u sîdu bakgħu iħarsu lejha bla cliem xejn. Ġuseppi, b'għainejh collha dmugħ, chien jistenna li dic il màra tistejker biex Raitzuli jixtriha u jieħodha id-dâr magħhom. Tkarrak, iżda, l'imsejchen Aħmed, għax Marta tilfet sessieha għall collox, u Ġuseppi jismagħha theuden fuku u tocrob u tibchi; kalbha nkasmet, u mietet.

Ġuseppi, bla ma chien jafha, bèca il meut t'ommu!

---

## XVI.

## Fl'Assedju ta Malta.

Chienu għaddeu minn fuk il meut ta Marta ma 't-tminn snîn. Aħmed laħak is-sbatax il sèna tiegħu u niżel Għaudex ma 'x-xuieni ta Pialì Bâxa, is-sèna 1560. Haun jieħlès mill jasar il Fabriziu Casha, il Nanardu Pontremoli, u jibka ma dan maduar it-tlet xhur.*

Għâd li chien għall kalbu ħafna ma daun in-nies tajjba u f'art tuelidu, bla ma chien jafha, xtâk l'imur jara lil Raitzuli, li minn għalih missieru. Talab għalhecc lil Nanardu jierħilu imur, u Nanardu, għalchemm ma riedux billi laħak ħabbu, fl'aħħar ħtieġlu jierħilu jitlak.

---

* Ara in-Nru. 74 tal "Mogħdija taż-Żmien" jismu MARIA PLATAMUN.

Chemm egħleu għalih Nanardu u Maria, seu għax chien ħelishom mill meut u seu għax sabuh għall kalbhom u għakli magħhom.

Aħmed ràġa taha għall ħajja ta suldat bħal kàbel, għaliex chien miġbud għall aħħar lejn dan il-lant u mâr il kuddiem, ogħla fuk sħabu collha ta mparu. Baħħar, gèra, tħâbat barra mill kies biex igîb il kuddiem gieħ it-Toroc, u chien jixtiek imut u ma jarax il bandiera Torca telliefa. Colħadd chien iħobbu lil Aħmed, seuua għax jâf jingieb uisk ma colmîn chellu x'jaksam miegħu, seuua għaliex chien imżejjen b'ħîla u dehen cbir.

Għalchemm Raitzuli ħallieh uerriet ta gîdu, Aħmed ma intrafax m'ir-riġment ; actar xegħel u ħareġ flûs u għajnuna f'dac collu li chien jenħtieġ, tant li uasal biex rauuem gifen minn butu, armat chif imiss u żiedu ma dauc ta's-Sultan.

Chien korob sadattant il uieħed u għoxrin sèna, mita il capijiet toroc uebbsu rashom li jiekirdu darba għall dejjem il Malta. Ħsieb karrieki u fierah! Ħejjeu chemm nies u chemm ġfien sabu u ħîlthom collha għalihom se'r jirbħu, rħeulha għall fuk daun il Gżejjer !

Chienet feġġet l'euuel dija ta 'x-xèmx ta 't-18 ta Mejju ta's-sèna 1565, x'ħin f'dakka uaħda, għalchemm il Maltin chienu jistenneuhom minn ħin għall ieħor, tfattxat fuk il maħbuba Malta l'armata torca bil 138 gifen tagħha u it-38,000 ruħ, barra minn dauc li uaslu uara. Din gibdet rotta ma 'x-xtajta in-naħħa ta nofs-in-nhar ta Malta u ma 'l-lejl xeħtet l'ancri li Mġarr u f'Għajn Tuffieħa.

Cbir chien il bìża u it-taħuid f'in-nies tagħna, billi uisk ankas mill għedeuua ; il còtra nġàbret il Birgu,

l'Isla u li Mdina biex jitgħakkdu flimchien u jieħduha ma 't-Toroc.

L'għâda, bejn is-19 u il 20 ta dac ix-xahar, it-Toroc dauuru il prua ta 35 gifen lejn Marsamxett u niżlu fuk dauc ix-xtût 3000 ruħ.

In-nies tagħna lakgħulhom u bdeu biex ħâdu sitta minnhom ilsiera, li uieħed minnhom inzerta Aħmed. Dan Ahmed, uakt li daks sħabu kiegħed jeħodha mal Maltin b'ħîla liema bħalha, ħàbta u sàbta iħossu f'irreuuixta makbud minn Cola ta Paulu, li għalchemm haun-il-lejl chien jinsâb ilsir fuk iġ-ġfien tal egħdeuua, kabel is-sebħ chien ħarbilhom. Ħadd minnhom ma għaraf il sieħbu; iżda, Cola gietu ħniena cbira minn dac iż-żagħżugħ u ħabbu mingħajr ma jâf il għala.

It-Torc, micdud għaliex uaka' lsir, ħassu sejjer imut bl'inchejja; fejn katt basar illi il Maltin chellhom dakshecc ħîla! Marbut bħal sħabu, uara dic it-taħbila, giè meħud kuddiem is-Sultan. Dan kabad jistaksih fuk xi chemm nies chienu, fejn chien biħsiebhom jatu is-salt l'euuel, x'jidhrilhom il capijiet tagħhom m'issuar ta Malta, u x'nâf jien.

Aħmed, iżda, ma uiegebx għall daun il mistoksijiet u bakagħ donnu tal gebel, bħalchiecu le ma għandu ilsien biex jitchellem; għaliex Aħmed katt ma ried jiċħad il sħabu u il pajjiżu. L'għalhecc ankas is-saut li lagħbulu ma sueu biex ġagħluh jiftaħ fommu.

Cola, li nzerta hemm jara collox, stenna, uara dan, li sejjra tigi xiħaġa agħar għall Aħmed. Fuk hecc, collu ħleuua, dâr lejh u talbu iuiegeb għall dauc il mistoksijiet. Iżda, Aħmed, żamm jiebes, għaliex m'hux seuua li uieħed ibiegħ il pajjiżu, u bakagħ ma tchellemx u katgħuhielu għall meut.

" F'gieħ ommoc l'għażiża, Aħmed, stkarr is-seuua għalli stakseuc! Għaliex, jaħasra, sejjer taħli ħajjtec, għâdec żagħżugħ! Jiena ma nafecx; iżda, ħabbejtec minn chif rajtec! Oh, li chiecu tâf x'għandi imchebbes għalic ġo din kalbi! Chiecu xeukti taktagħħieli... Għid; jaħasra, isma minni, Aħmed!"

Aħmed, milkut minn dauna il cliem actar m'it-tħeddit ta 's-sultan, ħabat ser joħla:

" Imm'int mîn int, daks chemm tħassartni?" ried jâf minn għand Cola.

" Jiena Għaudxi u nâf x'isarraf jasar; u għalhecc nifhem ucoll x'jigifieri meut fil jasar, bħalma sejjer iġġarrab int!"

" X'għidtli? Int ucoll ukajt ilsir?"

" Iva, Aħmed!"

" Taħt idejn mîn?"

" Taħt idejn it-Toroc, u għall darbtejn!"

" U chif agħmilt biex ħlist mill jasar?"

" Alla għan'ni u ħrabtilhom lil sjiedi!"

" U chif agħmilt?... għidli? kiegħed tgħaggibni!"

Aħmed ried jâf dana collu biex jara chif jagħmel u jaħrab bħalu. Haun Cola bèda igħidlu:

" Li chiecu cont tâf chemm ġrauli praspar f'daun id-darbtejn li uakajt ilsir! L'euuel darba, uara li cont îli żmien ilsir, hemmhecc f'Barberija, chelli ix-xorti li niltàka ma tliet ilsiera oħra b'tarbija magħhom, Għaudxin bħali. Għarfuni; u jiena minn dac il uakt għamiltha f'rasi li nħarrabhom. Nzerta li dic il ħàbta chelli żeuġ ilsiera tiegħi, għall kalbi uisk, li cont nâf li jakduni f'collox, u għalhecc fehemthom bil ħsieb ta moħħi, u huma minnufih kabdu jagħmlu chif għidtilhom. Biex ma ntauualhiex, il uieħed minnhom ħallejtu

fuk il cverta jistennieni għalli jista jinkàla, u jiena u l'ieħor irbatna l'għassa, neżżajnielha ħuejjiġha, ħallejna ilsir Għaudxi mill marbat tiegħu, libbisnih la torca u tlakna il barra. Minn hemm bgħat uieħed mill żeuġ ilsiera tiegħi is-sûk, biex jixtri it-tarbija u ommha u missierha. Iżda, x'chien ġàra ? Narah gejj bil màra u żeuġha biss ; it-tarbija ma rajthiex magħhom. Ridt l'art tiblagħni ! Xi nsib ? Li dic it-tarbija chien xtraha uieħed Torc, u sa 'llum ma sirtx nâf x'għadda minnha, għalavolja tħabàtt bosta biex insibha. Uisk naħseb li trabbjiet la torca, u mîn jâf x'għadda minn għaliha ! "

Aħmed iżjed intèla bil għageb. Katt le ma chien jistenna li tuassal s'haun il ħila ta 'n-nies tagħna !

" Dalgħodu, imbagħd," issocta Cola, " kabel ittakbida tagħna magħcom, ħrabt m'it-tieni jasar li fih conn'na uakajna ilsiera l'Għaudxin collha u fost oħrajn dic il màra li cont jien ħlist mill euuel jasar ma żeuġha. Jaħasra, din il màra chelli nisma li mietet fil jasar bla ħadd ma bchieha għajr tifel Torc ta xi tminn snîn, li daks chemm ħass ruħu ngibed għaliha ried li missieru jixtriha. Chemm chellu kalbu tajjba dac iż-żgħajjar ! Mîn igħidlec li dac ma chienx binha li tilfìtu fl'euuel jasar tagħha ? Iżda, dan għadda u mâr ; u jien ma chellix ix-xorti ncun nâf dan it-tifel mîn chien. Dalgħodu mbagħd, kabel sebaħ..."

" Le, le, għidli kàbel xejn għaliex ħbat taħseb li dac it-tifel ta tminn snîn, li illum imissu sâr ragel, chien bìn dic il màra ? " staksih Aħmed.

" Għaliex intcom it-Toroc ftit tħobbuna lilna Nsara, u billi din il mibegħda titrabba ficom ma ħalib omm-

com, ma sataghx icun li dac it-tifel chien Torc. Ma sataghx icun katt ! "

" Trid tghid, mela, li it-Toroc ma jaghdrux ? "

" Jaghdru, iva, chemm trid ; iżda, le lilna Nsara."

" Mela, trid tghid li dac it-tifel chien bìn dic il màra, u ghaldakstant ġaüri bhalha ? "

" Dan hadd ma inehhihuli minn mohhi ! "

" Iva, mela, fehemni ftit chif chienet seuua il biċċa ta dan it-tifel."

" Ahmed, daks chemm kieghed narac tixtiek tâf fuk dan it-tifel, la tridni nghidlec, chif rajtec, sthajjiltec hu; imma, ma nistax nghid jecc intix hu tasseu, billi rajtu darba biss, chien ghâdu tarbija fil heden t'ommu. Iżda, hassejtni uisk miġbud lejc ! Imma, din tieghi xi holma; ghax inti, ghalchemm tatih lemha, ma ghandix nahseb li inti hu. Hi chif inhi, la trid tafha, ismaghha, mela, il ġrajja ta dac it-tifel.

U Cola kalhielu, haġa b'haġa.

Uakt li ked ighidlu, Cola ghainejh dejjem f'Ahmed; ntebah b'id-dmugh li chien nieżel igelben ma haddejh; u chif semmielu chemm chien thabat ghalbiex isibu it-tifel ta Marta, Ahmed ma sataghx iżjed u nkasam f'bichja cbira.

" Mela dic it-tarbija jiena cont ! " kallu Ahmed.

" Kalbi, mela, hebritni seuua ! " kallu haun Cola ta Paulu. "Fejnec, ja Marta? Haun hu ibnec Ġuseppi ! "

Mîn jista jifhimha id-dinja? Jigifieri, armajn uara uiehed u ghoxrin sèna mghoddija kalb it-Toroc, Ahmed chellu jigi jâf li hu Ghaudxi !

Cola ta Paulu, ferhan ser itir ghax sâb il Ġuseppi x'hin ankas chien jobsor li jarah iżjed, collu mhabba, fittex kâl lil ghassa tal habs bil biċċa; u dan, collu

mistagħgeb mâr fejn Aħmed u kallu biex jibka sejjer miegħu kuddiem is-Sultan. Aħmed mâr u issa uiegeb għall dac collu li staksih La Vallette. Dan, mistagħgeb hua ucoll bil ġrajja, ħafirlu il meut u irħielu jitlak jissieħeb mal Maltin jieħodha ma 't-Toroc, li sa dac in-nhar żammhom b'ħutu.

Minn dac in-nhar sa mietu, Cola u Aħmed ma nfirdux iżjed minn xulxin.

Ma damux, iżda, żmien tuil flimchien daun iż-żeuġt iħbieb tal kalb, għaliex is-26 ta Ġunju ta dic is-sèna, uara ħafna tixrid ta demm fuk Sant Jermu, it-tnejn magenb xulxin uakgħu taħt ix-xâbla torca, mgħakdin flimchien chif dejjem xtaku l'icunu.

***

Ġanni u Doru, iż-żeuġt iħbieb ta Cola, chienu rau ucoll b'għainejhom il kauua ta 's-suar ta Malta u il ħila tal Maltin, minn fuk li ġfjen tal egħdeuua. Iżda, Doru biss chellu ix-xorti li jaħrab u imur jissieħeb mal Maltin għall Malta; għaliex Ġanni, għalchemm chellu din ix-xeuka bħal sieħbu, ma satagħx itemmha billi mjet fuk li ġfjen b'dac il mard li xtered kalb it-Toroc fil 21 ta Lulju ta dic is-sèna, u kered bosta minnhom.

IT-TMIEM.

## CHELMTEJN FUK TOBIJA

**l'it-Tfâl tal Oratorju ta Dun Bosco, tas-Sliema, chif kalhom is-sur Fons, nhar is-26 ta Ottubru 1910, f'is-Sala Don Rua.**

Tfâl,

Il-bieraħt l'ura, Patri Allegra ma nafx x'mâr kallcom li jien għandi nchellimcom fuk xiħaġa sabieħa: din ma nafx mnejn mâr kalagħha; imma, daks chemm iħobbcom, dejjem jara x'jakla u x'jagħmel biex jogħġob lilcom: tasseu, coss, l'intom ixxurtiati, għax Patri Allegra ftit haun bħalu. Issa, x'sejjer nakbad ngħidilcom, jien ma nafx; ħsibt l'aħjar npattihielu il Patri Allegra... għalih xorta, nistħajjel, la darba giebha b'idejh! Seuua seuu il-bieraħt l'ura chien Nhar San Rafiel; sejjer, mela, nxebbħu lil San Rafiel. Jogħġobcom hecc? Għax Patri Allegra, bħalma dac l'Arcanġlu ried li bin Tobija ix-Xiħ icun tifel tajjeb, hecc hu jixtiekcom tcunu tfâl tajjba.

X'għamel San Rafiel u x'kallu lil Tobija iż-Żgħir? (X'ħin ngħid Tobija iż-Żgħir m'hux għax chien tifel; imma, biex ma tħauuduhx ma missieru). Naħseb li daun il ħuejjeġ tafuhom; aħjar, mela, ma ngħiduhom xejn, hux?... Biex niftacar seuua, u chemm nista ma ngherfix, għax bdejt ninsa ġmieli, ħsibt u rajt aħjar nicteb li għandi ngħidilcom: u issa gejt nakralcom li ctibt.

*
* *

Fi żmien is-Slaten ta Israeli, in-nies ħżienet uisk, għax is-Slaten chienu ħżiena u in-nies bdiet tagħmel bħalhom, u jatu kîma lil allât karrieka. Mitejn u ħamsin sèna bakgħu sejjrin hecc, fl'aħħar ħàbtu ħażin:

l'egħdeuua tagħhom marru għall fukhom, tauhom xebgħa u tauhielhom chif imiss, u kàtlu minnhom l'eluf : u is-sultan uaka' ilsir ta 's-sultan tal Assirja : u l'Israeliti tilfu is-saltna u colma chellhom. Chif tarau, tfâl, tasal għall colħadd! Ara tagħmlu bħalhom! U jecc katt il cbar jaħbtu isiru ħżiena, arau li tuarrbu minnhom u la katt tagħmlu bħalhom, smajtu ?

Dic il ħàbta, uara guerra kalila, illi fiha bakgħu tellefin u uakgħu ilsiera tal egħdeuua, f'Ninivi, belt cbira tal Assirja, chien igħix uieħed Israelita, ragel seuua ħafna, jismu Tobija. Dan Tobija, katt, ankas darba uaħda, ma chien tà kîma lil îdli, dauc l'allât tal gebel u tal għuda tal pagani; uaħdu, fost l'eluf collha tal Israeliti, chien imur ta coll sèna Gerusalemm jati kîma l'Alla ta 's-Sèma u l'art f'it-tempju tiegħu, għax Salmanasar, sultan tal Assirja, chien iħallih imur fejn irid u jagħmel li tixtiek kalbu. Issa, għâd li fil jasar, taħt il ħàcma tal egħdeuua t'Alla, Tobija bakagħ xorta uaħda iħobb l'Alla, u jagħmel il gîd lil dauc collha ta maduaru. Tobija chien jitma lil mîn ma chellux x'jiecol, ilibbes lil mîn ma chellux biex jinsàtar, iżûr il morda, jidfen il mejjtin. U għall dan collu li chien jagħmel, Alla chien iħobbu ħafna lil Tobija; u biex jurih l'imħabba tiegħu, chien jibagħtlu ħafna għauġ, biex actar isir kaddis. Imma, fl'aħħar, lil Tobija, Alla ħallsu ta collox u urieh chemm chien jafulu talli żamm dejjem ruħu marbuta malli ried minnu ; chif daluakt tarau.

***

Għandcom tafu li is-Sultan tal Assirja li ħa lil Tobija ilsir mal eluf il cbar l'oħra ta Israeliti, ngibed għalih ħafna, daks chemm raħ ta kalbu tajjba ; għax

il kalb it-tajjba dejjem tiġbed il colħadd. Immá, nzerta li uara meutu dan is-sultan, laħak ibnu Sennakerib. Dan chien ta rasu u chellu kalbu ħażina u chien ta ħajja mgħarka, u chien jobogħd il dauc collha li jisma li jatu kîma l'Alla ta 's-seuua, u chien jibgħat joktolhom. Lil Tobija, tafu x'għamillu? Billi chien samagħ li dejjem ifittex igħin il fokŕa u iħenn għall mîn jarah magħdur, bagħat joħodlu il flûs collha li ġarr miegħu fil jasar, u Tobija safagħ fkîr għall aħħar. Imma, Tobija bierec l'Alla u kagħad għalli ried minnu, u bakagħ igħin il fkîr chif jista, b'id-dakka t'îd, bil chelma it-tajjba, billi iuissi il mîn jidhirlu m'hux miexi f'it-triek is-seuua, u hecc: daun collha ħuejjeġ li intcom, tfâl, tistgħu tagħmluhom bejnietcom; il chelma it-tajjba ma tkumilcom xejn, u dac l'icun, jibka jafulcom. Bħallichiecu il uieħed tarauh imur jimbex xi nannu xiħ, f'loc tissieħbu miegħu u tmorru tgħajjtu urajh u iġġagħluh jincorla, tuissu lil dac it-tifel li m'hux seuua igħaddi b'iż-żmien l'ix-xiuħ; actar, mbagħd, jecc icun xi xiħ fkîr u magħcus. Tarau, bħallichiecu, li uieħed fil cnisja ma igibx ruħu tajjeb; bil chelma it-tajjba tfaccruh li ma jigix minnu li ma igibx ruħu tajjeb; bi ħuejjeġ bħall daun, tistgħu tagħmlu ħafna gîd intom ucoll. Għax, m'hux il cbâr biss jistgħu jeu għandhom ifittxu li jagħmlu il gîd; imma, intcom iż-żgħâr ucoll, nclelè chif tidrau għall mita ticbru?

***

Issa, nerġgħu għall Tobija. Uara li ħadulu colma chellu, biex tagħkad, fi xiuħitu tilef id-daul ucoll! Imma, Tobija katt ma ghergher mn'Alla ta daun is-slaleb collha. Mita sâb ruħu f'dan il għacs u f'dan il ħemm collu, ftacar li snîn kàbel chien silef ma nafx

chemm il elf scut lil uieħed ħabib tiegħu mill belt ta Râges, jismu Gabelu; u deherlu li issa uasal iż-żmien li jibgħat jitlobhomlu. Tobija chellu tifel jismu bħalu, u ħaseb jibgħat lilu sal belt ta Râges, art il Mêdi, jitlob lil Gabelu biex chiecu iroddlu flusu, għax issa jinħtieġhom.

Tobija iż-Żgħir ried jitlak minnufih biex jagħmel li kallu missieru (għax tafux chemm chien jisma minnu, avvolja chiber f'is-snîn!) imma, jaħasra, katagħ kalbu imur, billi it-triek ma jafhiex u ankas lil dan Gabelu chien katt rah b'għainejh. Chif chien idur l'haun u l'hinn mal belt jara ma mîn jiltaka' u jistaksih it-triek, Alla ried li jiltaka' ma żagħżugħ sabieħ ħafna, xi snîn acbar minnu, mħejji għa's-sàfar; u dan, hua u jistaksih fuk Râges, ħajjru li imorru flimchien billi hu għall hemm ucoll, u lil Gabelu nzerta jafu.

Tafu xejn mîn chien dan iż-żagħżugħ ?... L'Arcanġlu San Rafiel, illi Alla bagħtu iuassal lil Tobija, bin Tobija ix-Xiħ, sal belt ta Râges : imma, u la Tobija iż-Żgħir, u ankas missieru ma chienu jobsru li dan iż-żagħżugħ chien anġlu ta's-Sèma. Uara ħafna mistoksijiet, għax missieru ried jâf ma mîn ibnu chien sejjer, l'Anġlu u Tobija telku lejn Râges, u l'euuel lejla uakfu jistrieħu f'xatt ix-xmara jisimha Tigri. Intom tafu li is-sàfar, dari, jeu fuk l'iġmla jeu bil mìxi, għaliex ula vapuri u ankas ferrovii ma chien hemm; Tobija, iżda, ma chellux ankas biex iħallas għall gemel, u hu u sieħbu chellhom jitilku bil mìxi. Uakt li chienu jistrieħu, Tobija kàbad iċafċaf b'riġlejh ġo'l ilma gieri ta'x-xmara, u fil ħin tersak ħuta cbira lejh u riedet tibilgħu. Tobija nkàta, għàjjat għajta; iżda, Rafieli kallu jaħtafha mill gargi u itallagħha l'art, u hu minnufih

samagħ minnu, u ma gietu bi cbira li xejn. Mbagħd, kàtlu dil ħûta, xueuua u chielu minnha u ħadu magħhom il bkija; u Rafieli kâl lil Tobija jarfa il fuied u il marrara tagħha, għaliex għâd icunu jinħteġulu.

Damu jimxu mal għaxart ijiem sa ma uaslu Râges, għâd li għaġġlu chemm setgħu; u għaddeu jistrieħu għand Ragueli, li chien jigi ulied l'aħua ma missieru, Tobija ix-Xiħ. Dan Ragneli chellu tifla jisimha Sara; u din, jaħasra, id-demonju chien joktlilha ir-ragel coll darba li tiżżeuueġ. Seba' darbjiet iżżeuuget Sara, u ta coll darba id-demonju katlilha il żeugha mill euuel lejla ta 't-tieġ. Tistgħu taħsbu, mela, x'bakagħ fih u chemm tbażża minnha Tobija, x'ħin dan Rafieli ħajjru jitlobha lil missierha iżeuuighielu, għax Tobija nzerta jafha il bicca tagħha. Billi, imma, Tobija fadagħ ruħu għall collox f'idejn Rafieli, daks chemm deherlu li missieru fadagħ fih, u Rafieli ràġa kallu u rsistielu fl'isem t'Alla li jitlobha lil Ragueli, u tah chelma li ma chellux mniex jibża, Tobija talab lil Ragueli itih b'martu lil bintu Sara.

Ragueli, li chien tasseu ragel ta 'r-ruħ, x'ħin Tobija talbu lil bintu, tbażżagħ, għax ma riedx għa'd-dinja li id-demonju imur joktlu, bħalma kàtel is-sebagħ l'oħra ta kàblu. Għid u għid, Ragueli tahielu; imma, fil uakt, telak kalbu dejjka lejn il ġnien mal-lsiera tiegħu iħaffru kàbar, għaliex ħaseb li l'għâda icollu jidfnu!

Tobija u Sara, għall tlet ijiem uara it-tieġ tagħhom, talbu l'Alla flimchien ma tûl il-lejl collu, u Tobija ħareġ mill ħorġa il fuied tal ħûta u tafagħha fuk ġàmra nâr, bħalma uissieh Rafieli, biex id-duħħan igherrex id-demonju u ineħħilu is-setgħa collha li satagħ chellu fukhom; u Ragueli, ferħan ferħan, mâr

bilġri jimla bil ħamrija il ħofra li chien ħaffer fil ġnien, għax lil Tobija sabuh mimli bil għomor u kauui sħiħ.

***

Mita Tobija giè biex jarġa l'ura lejn Ninivi, talab lil Rafieli imur jiġbor minn għand Gabelu il flûs li chien siliflu missieru, u l'għâda Tobija telak minn Râges bil gîd collu li tah Ragueli, karibu, għaliex dan ma chellux ħliefha din bintu Sara, u chitiblu il bkija għall uara meutu. Tobija ix-Xiħ u Anni, martu, billi iż-żmien chien għadda (għax binhom iddauuar ma't-tlet gimgħât sa râġa l'ura) ħàbtu jitħassbu, billi ma chienu jafu xejn b'it-tieġ ta binhom Tobija. Anni, ommu, ta coljum chienet titla fuk għolja tħares fil bgħid, tgħarrex tara binha hux gejj. Msiechen ta xjuħ, din chienet tonkoshom! Ta coljum jitolbu l'Alla bil ħniena li binhom jasal b'is-sliema, għaliex, jaħasra, ħliefu ma chellhomx mîn jieħu ħsiebhom fi xiuħithom! Arau ftit, tfâl, chemm għandcom tafuhulhom lil misserijietcom u l'ommijietcom talli irabbucom tajjeb, talli jieħdu ħsiebcom, dejjem moħħom ficom u dejjem jitolbu l'Alla iżomm idejh fukcom!

Fl'aħħar, Anni, dic ix-xuejħa ommu, ratu gejj mill bgħid lil binha Tobija ma Rafieli, u ħadet ir-ruħ u għaġġlet chemm setgħet biex marret tgħid l'ix-xuejjaħ żeugha li binhom għoddu uasal. Issa, stħajjluhom ftit daun iż-żeuġt ixjuħ joħorġu m'id duejra tagħhom u imorru jilkgħu lil binhom Tobija! Ara x'ferħ magħhom ! Tobija u Rafieli chienu uħudhom, għax lil Sara u l'in-nies li chienu magħha u il merħljiet li hi giebet dota, ħalleuhom l'ura biex jistgħu iħaffu jaslu malajr, u iferrħu lil dauc iż-żeuġt ixjuħ li chienu msiechen jiddejku fuk li binhom iddauuar bosta. L'euuel ma

laħak, il chelb, għax Tobija chien ħâdu miegħu f'is-sàfra; u il chelb, chif lemaħ mill bgħid lil sîdu, telak jiġri għall għandu, iferfer denbu, u mâr jilgħaklu idejh, u mn'hecc Tobija ix-Xiħ għaraf li ibnu chien għoddu uasal, billi, jaħasra, chien għama u ma satagħ jarah gejj.

***

Issa, mîn jista ifisser chemm tgħannku Tobija il missier u ibnu u chemm ommu Anni bisìtu lil Tobija tagħha u chemm raħħmulu lil Rafieli talli uasslilhom kauui u sħiħ il binhom! Haun Tobija iż-Żgħir, ħareġ mill ħorġa il marrara tal ħûta chif kallu Rafieli, u dilec biha għainejn missieru, u dan minnufih reġagħlu id-daul fihom u bèda jara. Gimgħa uara, mita laħket Sara bil gîd collu li taha missierha u bil flûs li raddilhom Gabelu, lil Rafieli talbuh jieħu sehem minn dac collu li giebu magħhom, mkar in-nofs; imma, dan uriehom li hu anġlu mibgħut mn'Alla taħt ix-xbiha ta bniedem biex lilhom ifarraġ f'id-duejjak tagħhom, u li xejn minnhom ma ried ħlief l'ibiercu l'Alla tal għeġubijiet li għamel magħhom. F'dakka uaħda, l'anġlu daret miegħu dija cbira li ma bħalha, u ilcoll xteħtu uiċċhom fl'art kuddiemu mregħda, u l'anġlu għamlilhom il kalb u kallhom: "La tibżgħux, Alla jibka jiekaf magħcom! Għax magħcom iddauuart dan iż-żmien collu, chif chienet ir-rieda tiegħu; Lilu biercu, Lilu faħħru. Għâd li intom contu tarauni niecol, jien niecol ma contx; l'ichel tiegħi u ix-xorb tiegħi, il bniedem ma jistax jarahom. Issa usalt biex nerġa għall kuddiem Alla; intcom biercuh u xandru ma colħadd l'egħġubijiet tiegħu." Damu tlet siegħat sħaħ ifaħħru l'Alla iż-żeuġ Tobijiet u Anni u Sara, u l'erba' mbagħd

telku isemmu ma colħadd chemm Alla l'imbierec is-setgħa tiegħu bla kies, u chemm ħenn għalihom; għaliex, jecc hu xierak li uieħed ma jitchellimx fuk l'icunu kalu bejniethom il ħbieb, jaħtigilna imma nfaħħru l'Alla għall ħniena tiegħu, biex colħadd ibiercu.

***

Għidtilcom fil bìdu l'irrid npattihielu lil Patri Allegra; imma, l'aħjar li nagħmel nistaksicom jecc hux tasseu li Alla ħabbcom mita bagħtilcom anġlu ieħor, San Rafieli ieħor, lilcom it-tfâl. Għaliex Patri Allegra għalicom it-tfâl, San Rafiel ieħor; f'idejh fdaucom misserijietcom u ommijietcom; isimgħu minnu, agħmlu li igħidilcom, għax icun għall gìd tagħcom; ħajjru lil sħabcom jinġabru haun ucoll, jilagħbu magħcom f'loc jitbegħdu biex imorru għall *football,* u haun jitgħallmu dac l'imisshom jafu biex jibkgħu tfâl tajjba, għax Patri Allegra u il kassisin u l'oħrajn li igħinuh, ħaġa oħra ma iridux minncom ħlief il gíd tagħcom bħall anġlu San Rafiel, li mita Tobija staksih x'jismu, dac kallu: Jien Azarija, li jigifieri *Għajnuna t'Alla.*

ALF. M. GALEA.

---

Mîn jixtiek jakra "**Hajjêt Tobija**" (u imissu colħadd jakraha daks chemm hi sabieħa u għa't-tagħlim li fiha) jissellef jeu jixtri in-Nru. 95 ta daun il Cotba.

— Din it-taħdita saret ucoll l'it-tfâl ta Birchircara, nhar is-16 ta Novembru, f'it-tïatru tal Oratorju "DOMENICO SAVIO".

---

Nihil obstat. Die 18 Novembris 1910.
ALOISIUS CAN. FARRUGIA, *Cens. Theol.*

# ISMU MIEGHU!

Il Ctieb Nru. 94 ta daun il

**Cotba tal Moghdija taz-Zmien**

*(b'ħafna stampi)*

ħareġ it-tieni darba

daks chemm ngħoġob

u għâd li ħriġna minnu

**5000 uieħed**

daluakt ma jibkgħax minnu għall beigħ.

Mîn ma laħakx xtàra, igħaggel.

Jimbieħ Żeuġ soldi biss!

COTBA

TAL

# MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru. | 98. | Fiex tkatta Siegħa . . . . | 2d. |
| „ | 99. | Għarajjes bla ħsieb . . . . | 2d. |
| „ | 85. | Id-Drauujiet tal Maltin. . . | 2d. |
| „ | 90. | Il-Għarusa tal Mosta . . . | 2d. |
| „ | 88. | Dac Suldat ! . . . . . . . | 2d. |
| „ | 89. | Gianna D'Arc. . . . . . . | 2d. |
| „ | 80. | Ulied Dun Bosco f'Malta . . | 3d. |
| „ | 84. | It-Theżhiża ta Messina . . . | 3d. |
| „ | 81. | David u Stejfen . . . . . | 3d. |
| „ | 82. | Dumàc u Titu . . . . . . | 3d. |
| „ | 83. | Ma Duar Geżù . . . . . | 4d. |

---